Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 61 / 2020

Il-Pulizja

Spettur Jesmond Micallef

Vs

Godfrey Formosa

Illum 28 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Godfrey Formosa detenur tal-karta tal-identita Maltija 634762 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fl-1 t' Ottubru 2011 u fil-granet u gimghat ta' wara din id-data, f' dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu jew seraqhom;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impjieg tieghu ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor faksifikat;

3. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u ciskostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku fl-ezercizzju rad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b' kitba maghmula jew imnizzla f' registry jew f' atti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmati jew maghluqa;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirskostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel reati li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tal-imputat, tapplika l-piena tal-interdizzjoni generali perpetwa.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tat-22 ta' Gunju 2018 (inserita a fol. 240 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 10 (1), (2), (4), (7) u 127 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 10 (1) (2) (4) (7), 189, 189 A, 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 10 (1) (2) (4) (7), 179, 189 A, 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 10 (1), (2), (4), (7), 179, 184, 189A u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 31, 141, 127 (1), 179, 184, 189, 189A, 190, 10 (1), (2), (4), (7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 7, 8, 9, 10, 11, 16, 17, 18, 20, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Marzu, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-22 ta' Gunju 2018 u

senjatament l-Artikoli 10 (1), (2), (4), (7), 127(1), 189, 189A, 190, 179, 184, 31, 7, 8, 9, 10, 11, 16, 17, 18, 20, 23 u 31, tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ikkundannatu sentejn prigunerija, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin u ordnat l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-imputat. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija tmienja u tmenin Ewro u erbatax-il Ewro centezmi (€388.14c[1]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Godfrey Formosa, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Mejju, 2020 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonferma fejn ma sabitx lill-esponenti hati tal-hames imputazzjoni;
2. Thassarha in kwantu sabet lill-esponenti hati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjonijiet; u
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Godfrey Formosa li huma s-segwenti:

[1] Rapporti ta' Joseph Mallia pg 121-135

## A. <u>**Dwar l-inammissabilita' tal-istqarriji u dikjarazzjonijiet maghmula mill-esponenti**</u>

Hekk kif jixhdu l-atti processwali, fil-mori tal-investigazzjoni tal-kaz odjern, l-esponenti rrilaxxa zewg stqarriji, wahda nhar it-28 ta' Dicembru, 2013, liema stqarrija tinsab ezebita u mmarkata bhala Dok AD1[2] u t-tieni wahda nhar it-8 ta' Jannar, 2016, ezebita u mmarkata bhala Dok JM3[3]. In oltre l-esponenti nhar is-27 ta' Docembru, 2018, kif jixhed il-PIRS Report immarkat bhala Dok GZ1 ezebiet a fol 168 et. seq. tal-atti irrilaxxa dikajrazzjoni inkriminanti ohra, ghal darba ohra minghajr ma nghata d-drittijiet tieghu hekk kif sanciti fl-artikolu 39 tal-kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-artikolu 6 tal-Konvenzjon iEwropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Kif jixhdu l-imsemmija stqarrijiet kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd ghal parir legali, liema dikjarazzjoni tinsab ezebita u mmarkata bhala Dok AD2 a fol. 224 tal-atti, dak in-nhar illi gew rilaxxati l-istqarrijiet de *quo* l-uniku dritt illi nghata l-esponenti kien li: <u>**qabel ma ssirlu l-interrogazzjoni jikkonsulta privatament ghal massimu ta' siegha ma' avukat wicc imb'wicc jew bit-telefon.**</u> Stante li dan kien l-uniku dritt moghti lill-esponenti, l-appellant odjern kien irrifjuta li jezercita tali dritt.

Meta wiehed jifli l-provi kollha prodotti mill-prosekuzzjoni, a bazi tal-istess provi l-Prosekuzzjoni qieghda ssejjes il-kaz taghha, jemergi car kristallin illi l-imsemmija stqarriji huma "prova" kardinali.

Tant huma provi kardinali u importanti ghall-Prosekuzzjoni li ghal certu imputazzjonijiet, tali "stqarrijiet" gew meqjusa bhala l-uniku prova inkriminanti kontra l-esponenti.

---

[2] A fol. 221 sa 223 tal-atti processwali
[3] A fol. 23 sa 25 tal-atti processwali

L-esponenti huwa tal-fehema li tali u dikjrazzjonijiet U stqarriji m'ghandhom ikollhom l-ebda piz probatorju u dana stante li l-mod li bih ittiehdu jilledi d-drittijiet tieghu hekk kif imharsa mill-artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana fid-dawl tal-fatt li ghat-tehid tal-imsemmija stqarriji, kif jemergi mill-istqarriji stess, l-esponenti ma kellu l-ebda opportunita li jitlob li jkollu, u kwindi lanqas qatt ma setgha kellu, konsulent legali tal-ghazla tieghu **prezenti fizikament matul it-tehid tal-imsemmija stqarriji.**

Id-dritt ghal smiegh xieraq skond fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza Ewropeja mhux biss ghad-dritt li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-Qorti izda ukoll ghal *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u interrogata.

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'kull decizjoni li titratta assistenza legali, issostni li l-artikolu 6(3)(c) tal- Konvenzjoni ma jkunx gie osservat kull meta persuna arrestata ma tkunx inghatat assistenza legali qabel u **matul l-interrogazzjoni taghha**, fejn permezz ta' dina l-istess interrogazzjoni, l –akkuzat jkun jista' jinkrimina lilu nnifisu.

B'hekk jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) jitlob u jesigi li s-suspettat mhux biss ghandu dritt li jikkonsulta ma' avukat biss qabel ma tittiehed l-istqarrija tieghu, izda **UKOLL WAQT** l-istess tehid tal-istqarrija.

Fid-dawl tal-mod illi bih kienet qieghda tigi zviluppata din il-linja tal-hsieb, l-esponenti sejjer jaghmel referenza ghall-iktar sentenzi ricenti illi nghataw f'dan ir-rigward kemm mill-Qorti Kriminali, kemm mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati.

Primarjament qieghda ssir referenza ghal sentenza tal-Onorabbli Qorti Kriminali ta' nhar it-12 ta' Dicembru, 2019 fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf et.'[4]** fejn f'dan ir-rigward gie deciz illi:

> Din il-Qorti tenut kont ta' dak kollu kkunsidrat, tqis li filwaqt li ma hija bl-ebda mod tikkunsidra t-tehid tal-istqarrijiet minghajr prezenza tal-Avukat bhala lezivi tad-dritt ta' smiegh xieraq, tikkunsidra izda illi gialadarba l-proceduri ghadhom ma ntemmux anzi ghadu ser jinstema' l-guri, ma jkunx ghaqli jekk l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati li ttiehdu minghajr il-prezenza ta' Avukat jinzammu fil-process u cioe' li jkollhom valur probatorju b'riskju li l-process ikollu jithassar wara li jintemm jew li aktar il-quddiem l-istqarrijiet jigu sfilzati wara li l-provi jkunu maghluqa bi pregudizzju ghal partijiet kollha. Dan qieghed jinghad ukoll in vista ta' dissenting opinions ta' Imhallfin li ma qablux ma dak deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew mal-Grand Chamber. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-interpretazzjoni dwar jekk stqarrijiet mehuda minghajr il-prezenza ta' Avukat jilledux jew le id-dritt ghal smiegh xieraq hija kristalizzata.
>
> Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li l-izvillup gurisprudenzjali jaghti x'jifhem li sabiex jigi deciz jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq irid jittiehed kont tal-process kollu u ghalhekk il-fatt wahdu li stqarrijiet ikunu ttiehdu minghajr il-prezenza tal-Avukat illum il-gurnata qieghed jigi interpretat bhala li ma jfissirx awtomatikament li jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, tenut kont tal-fatt li dan il-guri ghadu ser jibda jinstema', din il-Qorti hija tal-fehma li fl-interess tal-gustizzja u l-integrita tal-process, ghandha tordna l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzati."

Fil-kaz odjern, stante li l-Prosekuzzjoni mhijiex tistrieh kompletament fuq l-istqarrijijiet tal-imputat ghaliex skond l-istess Prosekuzzjoni hemm provi ohra li fuqhom huwa msejjes il-kaz kontra l-esponenti (ghalkemm l-esponenti ma jaqbilx ma' dan u ghalhekk qieghed jinterponi dana l-umli appell), huwa

[4] Att tal-Akkuza Numru 1/2019, Per Onor. Imhallef C. Scerri Herrera

mehtieg minn dina l-Onorabbli Qorti li tezamina c-cirkostanzi li ghandha quddiemha mil-lat tal-valur probatorju li ghandha tinghata l-istess stqarrijiet.

F'dan ir-rigward qieghda ssir referenza ghal sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Beuze vs Belgium'** fejn il-Qorti fil-valutazzjoni taghha tal-*'overall fairness of the proceedings'* strahet ħafna fuq il-fatt illi l-akkuzat ma nghatax access ghall-avukat qabel u waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tieghu ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuza partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' htija.

Fil-kaz odjern ghalkemm l-imsemmija stqarrijiet mhumiex l-uniku provi li ngabu fil-konfront tal-esponenti, biss f'tali stqarriji gew maghmula diversi dikjarazzjonijiet li ghandhom jigu meqjusa bhala inkriminanti u konsegwentament jekk tali stqarriji jitqiesu bhala provi ammissibbli, kif effettivament gew meqjusa mill-ewwel Onorabbli Qorti, tali stqarriji li ttiehdu, minghajr ebda raguni valida, minghajr il-presenza tal-avukat tal-esponenti, kellhom impatt fuq il-gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Tant kellhom impatt fuq il-gudizzju tal-ewwel Onroabbli Qorti, li l-magistrat sedenti stess permezz tas-sentenza appellate ghamlet diversi referenza ghal tali stqarriji u dikjarazzjonijeit inkriminanti – fosthom a fol. 15 tas-sentenza appellata fejn il-Qorti rriteniet illi:

> *"Fl-istqarrijeit tieghu l-imptuat stqarr lit-talba ghamilha hu, ma giex imnizzel file number u lanqas infetah file kif ukoll l-imputat kellu access facli ghat-timbru tas-Supretendent Vella Gregory."*

F'dan ir-rigward l-esponenti qieghed jaghmel referenza ghal sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Anthony Zammit'** deciza nahr it-30 ta' Ottubru, 2019 fejn dwar din l-analizi l-Qorti sostniet illi:

> "Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' access għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-persuna akkużata. Fil-każ odjern, għalkemm kif ingħad l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat mhumiex l-unika prova li nġabet fil-konfront tiegħu, u minkejja wkoll illi fl-istess stqarrijiet huwa jiċħad li d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, biss fl-istqarrija tal-4 ta' Mejju 2013 huwa jagħmel dikjarazzjonijiet li l-Qorti tqis bħala inkriminanti, b'tali mod li kemm il-darba l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' din l-istqarrija, allura din sejra definittavement ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri odjerni.
>
> Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrijiet tal-imputat u għalhekk qegħda tiskartahom, kif qegħda tiskarta wkoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrijiet bħala inammissibbli."

Ghaldaqstant a bazi tas-su espost, bir-rispett qieghed jigi sottomess illi a bazi tal-fatt illi l-esponenti ma kellu l-ebda opportunita li jkollu konsulent legali mieghu waqt it-tehid tal-istqarriji rilaxxati minnu, liema stqarriji, jekk ikkunsidrati, definittivament ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-proceduri odjerni, sabiex l-interessi tal-esponenti jibqghu intatti, huwa mehtieg li l-imsemmija stqarriji ma jigux ikkunsidrati bhala provi ammissabbli u ma jkollhom l-ebda piz probatorju.

**B. <u>Dwar il-Provi Prodotti in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-esponenti qieghed jigi akkuzat illi bhala ufficjal pubbliku ghamel uzu hazin minn dokumenti propjeta tal-korp tal-Pulizija ghall-vantagg privat tieghu; ossia bir-reat ta' storn.

Kif tajjeb gie citat mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata meta saret referenza ghal dak illi gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Frank Farrugia'**[5] fejn gie indikat li sabiex l-esponenti setgha jinstab hati ta' din l-akkuza, kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni s-segwenti elementi:

1. Li l-esponenti kien impjegat pubbliku fiz-zmien mertu tal-allegat reat;
2. Li ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli fdati lilu minhabba l-kariga tieghu;
3. Li dan sar ghall-vantagg privat tieghu.

Fil-waqt li l-esponenti mhux qieghed jikkontendi illi ma giex pruvat illi fiz-zmien mertu tal-allegat odjern huwa kien impjegat pubbliku madanakollu huwa jemmen bis-shih illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi huwa ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli fdati lilu minhabba l-kariga tieghu sabiex jiehu vantagg privat.

Kif rifless mis-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli sabet htija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni stante li "mill-provi jirrizulta l-imputat kien ghamel uzu mit-templates fuq il-kompjuter system tal-ghassa taz-Zejtun u mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory sabiex jaghmel request lil Vodafone Malta Ltd sabiex isir jaf min kien qieghed icempel lil mara tieghu Maryanna Formosa Minkejja lix-xoghol fir-rigward tat-tlestija tat-templates ma kienx fdat lilu, l-imputat stess li kien responsabbli milli jigbor ir-risposti ghal dawn ir-requests li jsiru lis-service providers minghand l-istess service providers, meta gabar ir-risposta bl-informazzjoni ghall-ittra li kien hejja huwa stess zamm l-istess

[5] Deciza nhar l-24 ta' Jannar, 2011 per Onor. Imhallef L. Quintano

risposta bl-informazzjoni u kkonfronta lil martu biha u akkuzaha li kienet qed tircievi telefonati minghand il-persuna li kellha relazzjoni maghha."

L-esponenti ma jista' jaqbel qatt ma din il-konkluzjoni ghax il-provi ma jurux hekk!

L-esponenti jistaqsi:

1. Minn fejn jirrizulta illi huwa ghamel uzu mit-templates u mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory?
2. Minn fejn jirrizulta illi kien l-esponenti responsabbli illi jigbor minghand il-Vodafone din ir-request partikolari?
3. Min fejn jirrizulta illi din ir-request patikolari effettivament ingabret mill-esponenti?
4. Min fejn jirrizulta illi effettivament kienet is-socjeta' kummercjali Vodafone illi ghaddiet ir-risposta bil-call logs direttament lill-esponenti u mhux lill-Pulizija?
5. Min fejn jirrizulta ppruvat illi r-risposta tghaddiet lill-esponenti fil-kariga tieghu ta' impjegat pubbliku u mhux bhala zewg Maryanna Formosa?

B'kull dovut rispett imma twegiba ghal dawn il-mistoqsijiet ma hemmx ghax effettivament provi f'dan ir-rigward ma hemmx. Il-provi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni huma s-segwenti:

Il-provi bl-ebda mod u manjiera ma juru illi effettivament kien l-espoennti illi ghamel uzu hazin mit-templates fuq il-kompjuter system tal-ghassa taz-Zejtun u/jew mittimbru tas-Supretendent Vella Gregory. Fil-fatt mill-atti processwali jirrizulta illi l-esponenti kien jahdem bhala driver u kienu biss dawk l-ufficjali illi kienu jahdmu fl-ufficcju tal-ghassa taz-Zejtun illi effettivament kellhom access ghal tali templates.

Dan stqarru ghal darba, darbtejn is-Supretendent Vella Gregory fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ta' nhar id-29 ta' April,

2016[6] fen ix-xhud ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-esponenti jahdem bhala driver u t-templates kienu jitlestew mill-ufficcju tal-ghassa. Ghaldaqstant l-esponenti ma kellux access ghall-istess templates.

Lanqas ma jirrizulta illi effettivament l-esponenti ghamel xi uzu hazin mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory. Jirrizulta bl-aktar mod car, illi ghal dan it-timbru kellu access kull min jahdem gewwa l-ghassa taz-Zejtun stante li l-ufficcju tas-Supretedent kien ikun miftuh kwazi l-hin kollu.[7] Ghaldaqstant, ghalkemm jirrizulta illi l-esponenti setgha b'xi mod kellu access ghal dan it-timbru, kif effettivament kellhom l-ufficjali kollha li kienu jahdmu minn gewwa l-ghassa taz-Zejtun, madanakollu lanqas imqar prova ammissibbli wahda ma ngabet sabiex turi illi effettivament kien l-esponenti illi ghamel uzu minn dan it-timbru f'din l-okkazzjoni partikolari.

Dejjem minghajr pregudizzju ghall-ammissabilita tal-istqarrija tal-esponenti u ossia ghall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, ghandu jigi mfakkar illi sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni maghmula mill-Pulizija, l-esponenti dejjem cahad b'mod aktegoriku illi f'xi zmien jew iehor huwa kien ghamel uzu mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory. Dikjarazzjoni illi ma giet meruta bl-ebda mod u manjiera. Fil-fatt lanqas is-Sur Vella Gregory stess ma kkonferma lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi d-dokumnet ma ttimbrahx huwa. Tant hu hekk illi fid-deposizzjoni tieghu, ghal mistoqsija diretta min-naha tal-Prosekuzzjoni jekk tali dokument giex iffirmat minnu, ix-xhud wiegeb "I doubt it minhabba l-firma"

Fil-konkluzjonijiet taghha, l-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi effettivament kien l-esponenti illi kien responsabbli sabiex jigbor dawn it-tip ta' requests u effettivament kien huwa illi gabar din l-informazzjoni. Ghal darba ohra dan ma jirrizulta minn imkien. Ghal kuntrarju ta' dan is-Supretendent Vella Gregory nhar id-29 ta' April, 2016 fuq mistoqsija tal-

[6] A fol. 26 et. Seq tal-atti processwali
[7] Fol. 31 tal-atti processwali

ufficjal prosekutur fuq min "normalment" kien jintbaghat biex jigbor tali requests xehed illi:

> "Min ikun available. Jigifieri jekk id-drivers li kienu jkunu mieghi available kienu jmorru huma u gieli marru bil-posta ukoll dik li ahna nsejhulu l-basket"[8]

Ghalkemm dak li kien isir "normalment" ma jikkostitwix prova relevanti u ammissibbli ghal x'gara fil-kaz odjern, lanqas minn din ix-xhieda ma jemergi illi effettivament l-esponenti kien responsabbli illi jigbor lura tali requests, u wisq anqas ma jirrizulta illi din ir-request mertu tal-proceduri odjerni ingabret mill-appellant.

L-uniku persuna illi setghet b'xi mod jew iehor titfa xi forma ta' dawl fuq kif inhadmet tali request u kif effettivament waslet it-talba ghand il-Vodafone u min gabarha lura kienet Michelle Penza, ossia l-persuna illi probabbilment hadmet direttament fuq l-istess request. Madanakollu x-xhud fid-deposizzjoni taghha ta' nhar id-9 ta' Marzu, 2018 ma tefghet l-ebda dawl fuq dan u konsegwentaent prova ta' min gabarha m'ghandniex. Ghandna biss assunzjonijiet u suppozizjonijiet u xejn aktar.

Minkejja dan kollu anke kieku kellu jigi assumit illi tali dokument wasal f'idejn l-esponenti, gialadarba ma ghandna l-ebda prova ta' kif dan id-dokument wasal ghandu kif ukoll jekk tali dokument ma wasalx ghand l-appellant fil-kariga tieghu bhala impjegat pubbliku jew bhala r-ragel ta' Maryanna Formosa, ma seghax jigi konkluz illi wasal ghandu ghax huwa Pulizija.

Fl-umli fehma tal-esponenti, fil-kaz odjern kellu jigi applikat il-principju 'in dubio pro reo' u d-dubju kellu jigi interpretat favur l-appellant u mhux bil-kontra fejn id-dubji jigu mimlijja b'suppozizjonijiet u interpretati kontra l-esponenti.

[8] Fol. 30 tal-atti processwali

Ghaldaqstant fin-nuqqas tal-provi kardinali illi juru lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi tali dokument wasal ghand l-esponenti u gie fdat lilu minhabba l-kariga tieghu bhala impjegat pubbliku, l-esponenti jemmen illi ma setghax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni u kellu jigi lliberat minnha.

C. **<u>Dwar ir-reat in konnessjoni mar-reat ta' falsifikazjoni u uzu xjenti ta' dokument ffalsifikat</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

### C.1 Dwar ir-Reat ta' Falsifikazzjoni

Permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi:

> "Mill-provi prodotti l-Qorti tqis li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat iffalsifika il-firma li tinsab fuq ir-request tal-1 t'Ottubru 2011 ghal diversi ragunijiet."[9]

L-ewwel raguni illi a bazi taghha l-ewwel Onorabbli Qorti bbazat is-sejbien tal-htija hija a bazi tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant, liema stqarrijiet ttiehdu minghajr mal-esponenti nghata d-dritt illi jkollu assistenza legali mieghu waqt l-interrogatorju; izda fuq dan il-punt l-esponenti mhux ser jiddelunga stante li l-ewwel aggravju jirrigwardja propju dan.

It-tieni raguni li tat l-ewwel Onorabbli Qorti hija li "l-imputat kellu interess jaghmel tali talba in vista li ried isir jaf min kien qieghed icempel lil martu." B'kull dovut rispett imma dan ir-ragunament certament ma ghandu l-ebda lok fi proceduri penali.

[9] Fol. 15 tal-Atti Processwali

Kieku wiehed kellu jqabbel dan ir-ragunament ma' dak illi jigri fil-hajja ta' kuljum kieku qeghdin f'sitwazzjoni fejn jekk jiena niggieled mal-gar u gimgha wara insib vendikzzjoni mela awtomatikament il-gar huwa hati ta' dik il-vendikazzjoni ghax kellu interess li jpattili. F'awla penali, il-provi u r-ragunament ma jsirx hekk.

It-tielet raguni moghtija hija li "l-imputat naqas milli jipprova imqar sal-grad tal-probabli li l-firma saret mis-Supretendent Vella Gregory u li ma taqbilx mal-firem precedenti tieghu minhabba l-qaghda ta' sahha tieghu." Lanqas fuq dan it-tip ta' ragunament mghandha ragun l-ewwel Onorabbli Qorti.
L-esponenti jistaqsi kif qatt setghet il-Magistrat li ddecidiet il-kawza odjerna, tezenta lil-Prosekuzzjoni mill-obbligu legali illi tressaq il-provi in sostenn tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-esponenti u minflok titfa' dan il-piz fuq hogor l-esponenti – meta l-Kodici Kriminali u l-principji bazilari illi jsawru l-process penali jirrekjedu xorta ohra!!

Bir-rispett l-esponenti jishaq illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha, ghamlet ezercizzju li huwa f'kunflitt dirett ma' tliet principji kardinali tal-ligi penali, u cjoè:

a. Il-prezunzjoni tal-innocenza;
b. L-oneru tal-prova ta' htija jinkombi fuq il-prosekuzzjoni;
c. Sabiex tinstab htija, din trid tkun giet ipprovata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Fil-kamp penali l-prezunzjoni tal-innocenza u l-principju *onus probandi incumbit ei cui dicit non ei cui negat* jimxu id f'id. Hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-piz li turi l-htija tal-akkuzat.

Umilment l-esponenti jtenni illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija, fiha nfisha, prova cara li l-Qorti applikat dawn il-principji bil-maqlub. Fil-fatt, fis-sentenza ma hemm xejn li jindika ghaliex il-Qorti emmnet it-tezi tal-prosekuzzjoni.

Bir-rispett l-appellant isostni li dan ma ghandux mis-sewwa legalment. Il-Qorti ghandha l-ewwel tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha u cioe li l-falsifikazzjoni saret mill-appellant, imbaghad tghaddi sabiex tara jekk il-linji difensjonali tal-akkuzat humiex tali li ghandu jigi skagunat jew il-piena tieghu ridotta, u dana minhabba s-solennità tal-proceduri penali.

Huwa ghalhekk ukoll li l-ligi penali timponi oneru ta' prova aktar iebes fuq il-prosekuzzjoni, dak ta' *beyond reasonable doubt*. Umilment, l-appellant isostni illi fil-kaz odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat dan il-principju kardinali.

Dak li jemergi mill-provi u cioe kemm mid-deposizzjoni tas-Supretendent Vella Gregory kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert mahtur mill-ewwel Onorabbli Qorti Joseph Mallia huwa li:

- Mill-analizi tal-firma tas-Sur Vella Gregory ta' sitt snin qabel il-firma mertu tal-proceduri odjerna u l-firma misjuba fuq il-letter of request hemm xi diskrepanzi[10]; kif ukoll li
- Peress li l-firma tas-Supretendent hija ffurmata biss minn linji ma tistax tqabbel b'mod cert minghajr ebda dubbju ma' dik ta' Godfrey Formosa.[11]

Dan huma l-provi f'dan ir-rigward, xejn inqas u xejn aktar!

Minn fejn huwa ppruvat illi tali firma giet effettivament iffalsifikata mill-esponenti, l-appellant ma jistax jifhem u ma jistax jifhem ghax tali prova ma tirrizulta minn imkien

**C.2 Dwar id-Data ta' meta giet iffalsifikata tali firma**

Dan l-aggravju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti

[10] A fol. 65 tal-atti processwali
[11] Fol. 119 tal-Atti Processwali

Illi huwa fundamentali li z-zmien meta sar ir-reat jaqbel maz-zmien indikat fic-citazzjoni. In effetti r-reat irid jikkombacja mad-data inkriminata. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[12] fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa'** li giet deciza fil-31 ta' Mejju 20172 fejn l-istess Qorti rriteniet is-segwenti:

> "Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: Ic-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw…..".

L-istess Qorti imbaghad taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs John Mary Briffa'**[13] fejn kien hemm zball fil-hin ta' meta sehh lincident fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li:

> *"Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'limputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara."*

Il-Prosekuzzjoni ghogobha takkuza lill-esponenti illi kkommetta r-reat ta' falsifikazzjoni fl-1 ta' Ottubru, 2011 u fil-granet u gimghat ta' wara din id-data u dana stante li d-data indiakta fuq il-letter of request kienet l-1 ta' Ottubru, 2011.

Ghalkemm id-data indikata fuq l-istess ittra l-ewwel ta' Ottubru, 2011, tifli kemm tifli l-atti processwali, dina l-Onorabbli Qorti ma sejjer jirrizultalha qatt illi effettivament tali firma giet iffalsifikata nhar l-1 ta' Ottubru, 2011 jew fil-granet ta' wara.

---

[12] Per Onor. Imhallef E. Grima

[13] Deciza nhar it-18 ta' Ottubru, 2005

Dak li kellu jsir sabiex jigi assigurat u pruvat sal-grad tac-certezza morali illi l-firma saret nhar l-1 ta' Ottubru, 2011 kien illi jittella jixhed rapprezentant tal-ufficcju tal-ghassa taz-Zejtun u jassigura illi dawn il-letters of request mibghuta lill-Vodafone, b'mod partikulari fil-kaz tal-ittra odjerna, setghetx saret 'post-dated', u konsegwentament il-firma indikata setghetx saret qabel l-1 ta' Ottubru, 2011.

Fil-waqt illi l-esponenti jzomm ferm mal-fatt illi ma giet ppruvata l-ebda rabta bejnu u l-firma mertu tal-akkuzi odjerni madanakollu anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss dina l-Onorabbli Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi kien huwa illi ffalsifika tali firma, baqa' ma giex ippruvat illi l-esponenti wettaq tali agir fl-1 ta' ottubru 2011 u fil-granet u gimghat ta' wara din id-data.

**C.3 Dwar l-uzu xjenti ta' dokument iffalsifikat**

Dan l-aggravvju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravvji precedenti

L-esponenti jinsab akkuzat u effettivament instab hati mill-ewwel Onorabbli Qorti illi xjentement ghamel uzu minn dokument iffalsifikat. L-ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi gialadarba gie ppruvat illi l-esponenti iffalsifika tali firma, isegwi illi kien konxju li d-dokument kien iffalsifikat u ghamel uzu minnu.

Il-Legizlatur permezz ta' dan ir-reat u b'mod partikulari bl-uzu tal-kelma 'xjentement' ghamel distinzjoni cara u netta; ossia li mhux kull uzu ta' dokument iffalsifikat jammonta ghal reat izda jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi tipprova li l-imputat kien jaf li kien qieghed juza dokument falz.

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu jghallem illi l-elementi li jsaqwru r-responsabilita' kriminali qeghdin migburin fil-principju legali *'actus non facit reum nisi mens sit rea'*. Profs. Mamo jghallem li:

**"Intention, in general, is the purpose or design with which an act is done. It is the fore-knowledge of the act; coupled with the desire of it; such fore-knowledge and desire being the cause of the act, in as much as they fulfil themselves through the operation of the will. An act is intentional if, and in so far as, it exists in idea before it exists in fact, the idea realising itself in the fact because of the desire by which it is accomplished."**

Anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss kellu jigi assumiet illi l-esponenti ghamel uzu minn dokument ffalsifikat, liema uzu pero ma giex ippruvat, fejnha l-prova illi turi li l-esponenti kien jaf jew setgha kien jaf li d-dokument gie ffalsifikat?

Tfittex kemm tfittex lanqas din il-prova ma sejra ssib dina l-Onorabbli Qorti.

Konsegwentament isegwi illi fin-nuqqas ta' din il-prova, l-esponenti ma setgha qatt jinstab hati illi xjentement ghamel uzu minn dokument falz.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-elfejn u tlettax (2013) Maryanne Formosa, mart l-appellant li minnu kienet qieghda tissepara, irrapurtat li f'Ottubru 2011 l-imputat kien ikkonfrontaha b'karti li kienu juru telefonati li kienet tircievi;

2. Illi l-imputat kien qalilha li habib tieghu mill-Vodafone tah din l-informazzjoni. Sussegwentement fis-sena elfejn u tlettax (2013), Maryanne Formosa tghid li ghamlet ilment mal-Vodafone dwar l-ghoti ta' din l-informazzjoni u giet infurmata li l-informazzjoni kienet inghatet lil Pulizija fuq talba taghhom;

3. Irrizulta li Vodafone kienu rcevew talba minghand il-Pulizija, liema talba tinstab a fol 19 u mmarkata bhala JM1 kif ukoll a fol 57 u mmarkata bhala MG1 fejn allegatament kien sar rapport minn M'anne Formosa dwar '*anonymous/malicious calls.*' u kien ghalhekk li ghaddiet din l-informazzjoni tramite ittra datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) li hija mmarkata bhala JM2 a fol 20 et sequitur li tinsab ukoll a fol 58 et sequitur u mmarkata bhala MG2;

4. Illi Maryanne Formosa spjegat li hija ma kienitx ghamlet rapport mal-Pulizija dwar telefonati. Dan kien ifisser li ma kien hemm l-ebda ilment dwar telefonati minn Mayanne Formosa kuntrarjament ghal dak li kienet tiprovdi l-ittra a fol 19 u mmarkata bhala JM1 u cioe' r-rikjesta indirizzata lil manager ta' Vodafone;

5. Illi s-Supretendent Raymond Vella Gregory cahad li kien huwa li ffirma l-ittra.

6. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa dak bl-ittra 'A' u cioe' dwar l-inammissabilita' tal-istqarriji u dikjarazzjonijiet maghmulha mill-appellant. L-appellant jissottometti li kien irrilaxxa zewg stqarrijiet, wahda nhar it-28 ta' Dicembru 2013 esebita bhala Dok AD1 a fol 221 et sequitur u t-tieni wahda nhar it-8 ta' Jannar, 2016 esebita bhala Dok JM3 a fol 23 et sequitur. Jissottometti li fis-27 ta' Dicembru, 2018, skont il-PIRS Report immarkat bhala Dok GZ1 irilaxxa dikjarazzjoni inkriminati ohra minghajr ma nghata d-drittijiet tieghu kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-artikolu 6 tal-Konvenzjjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jissottometti li l-uniku dritt li nghata meta rrilaxxa l-istqarrijiet kien li qabel ma ssirlu l-interrogazzjoni jikkonsulta privatament ghal massimu ta' siegha ma' avukat wicc mb'wicc jew bit-telefon. Stante li dan kien l-uniku dritt moghti lill-appellant, l-appellant kien irrifjuta li jezercita tali dritt. Li jirrizulta li l-imsemmija stqarriji huma prova kardinali, li tant huma provi kardinali u importanti ghal Prosekuzzjoni li ghal certu imputazzjonijiet, tali stqarrijet gew meqjusa bhala l-unika

prova inkriminati kontra l-appellant. L-appellant huwa tal-fehma li tali dikjarazzjonijiet u stqarriji ma ghandhom ikollhom l-ebda piz probatorju u dana stante li l-mod li bih ittiehdu jilledi d-drittijiet tieghu hekk kif imharsa mill-artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dan fid-dawl tal-fatt li ghat-tehid tal-imsemmija stqarrijiet, l-appellant ma kellux l-ebda opportunita li jitlob li jkollu, u kwindi lanqas qatt ma setgha kellu konsulent legali tal-ghazla tieghu prezenti fizikament matul it-tehid tal-imsemmija stqarriji. Li d-dritt ghal smiegh xieraq mill-gurisprudenza Ewropeja gie estiz mhux biss matul il-proceduri penali izda anke ghal pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u interrogata. Huwa ghamel referenza ghal uhud mis-sentenzi dwar dan. Jissottometti li ghalkemm l-imsemmija stqarrijiet mhumiex l-unici provi li ngabu fil-konfront tal-appellant, f'tali stqarriji gew maghmula diversi dikjarazzjonijiet li ghandhom jigu meqjusa bhala inkriminanti u konsegwentament jekk tali stqarriji jitqiesu bhala provi ammissibli, kif effettivament gew meqjusa mill-Ewwel Qorti, tali stqarriji li ttiehdu, minghajr ebda raguni valida, minghajr il-presenza tal-avukat tal-appellant, kellhom impatt fuq il-gudizzju tal-Qorti.

Jirrizulta li fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) l-imputat PC 745 Godfrey Formosa kien irilaxxa stqarrija. Din tinsab a fol 23 et sequitur u mmarkata bhala JM3. F'din l-istqarrija tnizzel '*Qed tiġi imwissija mill-Ispettur Jesmond Micallef fil-presenza tas-Surġent Maġġur 1218 Raymond Vella li m'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova. Wara li gejt infrmat bi dritt li tikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghi qabel il-bidu tal-interrogazzjoni jiena ghazilt li ma nikkonsulta ma' hadd.*' Fl-istess stqarrija gie mistoqsi '*Tikkonferma li inti qed tirrifjuta li tezrcita d-dritt li ghandek li tikkonsulta pprivatament m' avukat tal-fiducja tieghek qabel ma jiena se nibda nehodlok din l-istqarrija?*' u wiegeb '*Iva.*'

Din l-istqarrija hija ffirmata mill-Ispettur Jesmond Micallef, is-Surgent Maggur 1218 Raymond Vella u mill-imputat. L-istess stqarrija taghlaq bis-segwenti dikjarazzjoni:

*'Din l-istqarrija hija il-verita kollha, għamiltha jiena minn jeddi, mingħajr ebda wegħdi ta' favuri jew vantaġġi u mingħajr ebda biża jew theddid, u wara li ġiet moqrija lili nagħzel li niffirmha.'*

L-Ispettur Jesmond Micallef fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li l-akkuzat '*inghata t-twissija li ghandu dritt ma jwegibx ghad-domandi li ser isirulu kif ukoll inghata dritt li jikkonsulta ma' Avukat tal-fiducja tieghu qabel il-bidu tal-interrogazzjoni. Fil-fatt din it-twissija kienet inghatat fil-prezenza tas-Surgent Maggur Raymond Vella 1218. Hu rrifjuta li jezercita d-dritt li ghandu jikkonsulta privatament ma' Avukat ta' fiducja tieghu qabel l-iStqarrija..*' L-Ispettur Jesmond Micallef rega' xehed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u spjega li '*nara dokument JM3 li jinsab a fol 23 li hija l-iStqarrija ta' PS 745 Godfrey Formosa mehuda fit-8 ta' Jannar 2016. Qieghed naghraf il-firem fuq it-3 pagni tad-dokument tieghi, tas-Sur Godfrey Formosa kif ukoll tal-Maggur 1218 Raymond Vella li ttihditlu wara li jiena kont tajtu twissija li ghandu dritt ma jwegibx ghad-domandi li kienu se jsirulu u anke wara li tajtu dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel nohodlu l-iStqarrija. Fil-fatt hu kien irrifjuta li jezercita d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel ma ta l-iStqarrija tieghu. Qieghed naghraf lill-istess Godfrey Formosa f'din l-Awla bhala l-imputat Sinjura.*'

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) SM 1218 Raymond Vella xehed b'referenza ghall-istqarrija immarkata bhala dokument JM3 a fol 23 li '*Qabel ma nghatat din l-iStqarrija kienet inghatat it-twissijiet kollha kif ukoll d-dritt tal-Avukat fejn kien irrinunzja dak id-dritt li jitkellem ma' Avukat qabel tibda l-iStqarrija.*' Huwa gharaf il-firem taghhom inkluz tal-imputat.

L-Ispettur Jesmond Micallef fis-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) in kontro-ezami gie mistoqsi jekk jaqbilx li ma kienx hemm Avukat prezenti matul l-istqarrija u wiegeb '*Avukat prezenti ma kienx hemm. Meta saru dawn l-affarijiet, meta konna qed ninvestigaw lis-Sinjur kienet dahlet li ttih id-dritt tal-Avukat fil-fatt kont tajtielu u kien irrinunzja ghaliha*'. Xehed li '*kienet ghadha ma dahlitx li jkun prezenti l-Avukat mieghek li jpoggi ma' genbek ukoll*' ghaldaqstant ma kienx hmem Avukat prezenti.

Fl-atti ta' din il-kawza giet ipprezentata stqarrija ohra, din id-darba datata it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) immarkata bhala Dok AD1 a fol 221 et sequitur. F'din l-istqarrija tnizzlet is-segwenti twissija:

"*M'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova.*'

Din l-istqarrija hija ffirmata mill-Ispettur Robert Said Sarreo, PS 1051 B. Cremona u l-imputat u taghlaq bis-segwenti:

'*Din l-istqarrija ghamiltha Volontarjament, minghajr theddid, weghdi jew promessi ta' vantaggi. Hija l-verita' u wara li inqrat lili ma rrid inzid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u naghzel li niffirma.*'

A fol 224 immarkat bhala AD2 giet ipprezentata dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd ghal parir legali. F'din id-dikjarazzjoni datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) tnizzel li:

'*Jiena Godfrey Formosa detentur tal-karta tal-identita numru 634762M, wara li gejt infurmat bil-jedd li ghandi ghal parir legali ghal siegha, minn ghand avukat jew prokuratur legali ta' l-ghazla tieghi, qabel ma nigi interrogat mill-ispettur Robert Said Sarreo, nidikjara li nirrifjuta dan l-istess il-jedd.*'

L-Ex Spettur Robert Said Sarreo fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li '*kont tajtu l-jedd ghal parir legali u huwa rrifjuta dan il-jedd u ffirma anke dikjarazzjoni fejn dok AD 2 qed naghraf il-firma tieghi, il-firma ta' Godfrey Formosa u l-firma taz-zewg xhieda PS 1051 u PS 1396 u mbaghad sussegwentement kont hadtlu Stqarrija fejn qed naghraf f' din l-iStqarrija li kont hadtlu jiena stess li hija Stqarrija li kont hadtlu jiena stess li hija Stqarrija ta' 3 faccati fejn qed naghraf il-firma tieghi, il-firma ta' Godfrey Formosa u anke l-firma tax-xhud PS 1051*'

In oltre' jirrizula ukoll li fil-Current Incident Report datat is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) a fol 168 et sequitur u mmarkat bhala Dok GŻ1 tnizzel fost fatti ohra li '*Gie mitkellem u mistoqsi Godrey fuq l allegazzjonijiet kolla li saru kontrieh fejn dan stqarr lie ghawn miktub ghawn isfel.*' L-istess rapport jinsab a fol 207 et sequitur u mmarkat bhala Dok KV1. F'dan ir-rapport ma tnizzlux x'drittijiet gew moghtija lill-appellant qabel ma gie mitkellem mill-Pulizija u ghalhekk qabel ma wiegeb ghal mistoqsijiet maghmula lilu, ghalhekk la jirrizulta li nghata d-dritt li ma jwegibx ghal mistoqsijiet, la biex jikkonsulta Avukat u lanqas li jkollu Avukat prezenti.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) gie vverbalizzat li '*Id-Difiza qed tezenta lil Prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhieda lil PC 151 Lars Scicluna, PS 1051 Cremona u PC 1356 S Farrugia stante li mhux qed tikkontesta l-volontarjeta' tal-iStqarrija u d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghal parir legali li jikkonsulta ma' Avukat u tal-Okkorrenza.*'

Ghalhekk jirrizulta li filwaqt li meta gew rilaxxati z-zewg stqarrijiet l-appellant nghata l-jedd li jikkonsulta ma' Avukat qabel ir-rilaxx tal-istqarrija, huwa ma inghatax id-dritt li jkollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija. In oltre' fil-Current Incident Report suriferiti lanqas ma tnizzel xi drittijiet inghatghu lill-appellant qabel ma gie mitkellem mill-Pulizija.

Ikkunsidrat;

Fiz-zmien tal-investigazzjoni u meta ttiehdet l-istqarrija, il-ligi ta' Malta ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li suspettat jkollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija u matul l-investigazzjoni. Illi bis-sahha tat-trasposizzjoni tad-'*Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà*' fil-Ligi ta' Malta li sehhet wara li l-appellant irrilaxxa l-istqarrijiet tieghu, kien hemm

tibdil sostanzjali f'dak li d-dritt ta' access ghal Avukat fi proceduri Kriminali kien jinkludi. L-artikolu 3 ta' din id-Direttiva jipprovdi li:

***'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b)* ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat***

***bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-libertà tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

*(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;*

*(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella**'[14] intqal li:

'*Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l- parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29 :*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*

*T: Iva.*

*M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*

*T: Iva."*

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

---

[14] Deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 104/16 JZM).

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx ; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f`dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f`hin minnhom xtaq li jghinna u f`hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l- interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-**<u>uzu ta` l-istqarrija</u>** mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

***Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*** '

L-istess Qorti[15] kkunsidrat li:

'*Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo*

[15] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella' deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' Gunju 2017 (Referenza Kostituzzjonali Numru. 104/16 JZM)

*Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

***Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal- konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.***

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet.****'*

Il-Qorti Kostituzzjonali[16] ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra dwar l-appell prezentat mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija kkunsidrat li:

'*Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l- istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta'* <u>*Malcolm Said*</u>[17]*, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda*

[16] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM)

[17] 24 ta' Ġunju 2016. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM).

*użu mill-istqarrija fil- proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*

*15. Il-fatt li, kif josservaw l-appellanti, hemm xiehda oħra fil-proċess barra l-istqarrija li tista' ssaħħaħ il-każ tal-prosekuzjoni ma huwiex argument kontra din il-konklużjoni. Ifisser biss li l-każ tal- prosekuzzjoni ma jiddgħajjifx bit-tneħħija tal-istqarrija waqt li jista' jinġieb fix-xejn jekk l-istqarrija titħalla fil-proċess u dan possibilment iwassal għal sejbien, eventwalment, ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*

Illi ricentement kien hemm zvilupp sinifikanti fid-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Sentenza ta' certu importanza hija dik moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **'Bueze vs Belgium'**[18] fejn qieset li wiehed irid jistharreg kemm jekk jezistux '*compelling reasons*' sabiex ikun hemm restrizzjoni ghal access ghal Avukat izda mhux biss stante li jehtieg li jigi evalwat ukoll fi kliem il-Grand Chamber '*The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*'. Filfatt qieset li:

*'150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

---

[18] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

*'193. In conclusion, re-emphasising the very strict scrutiny that must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court finds that the criminal proceedings brought against the applicant, when considered as a whole, did not cure the procedural defects occurring at the pre-trial stage, among which the following can be regarded as particularly significant:*

*(a) The restrictions on the applicant's right of access to a lawyer were particularly extensive. He was questioned while in police custody without having been able to consult with a lawyer beforehand or to secure the presence of a lawyer, and in the course of the subsequent judicial investigation no lawyer attended his interviews or other investigative acts.*

*(b) In those circumstances, and without having received sufficiently clear prior information as to his right to remain silent, the applicant gave detailed statements while in police custody.*

*He subsequently presented different versions of the facts and made statements which, even though they were not self-incriminating stricto sensu, substantially affected his position as regards, in particular, the charge of the attempted murder of C.L.*

*(c) All of the statements in question were admitted in evidence by the Assize Court without conducting an appropriate examination of the circumstances in which the statements had been given, or of the impact of the absence of a lawyer.*

*(d) While the Court of Cassation examined the admissibility of the prosecution case, also seeking to ascertain whether the right to a fair trial had been respected, it focused on the absence of a lawyer during the period in police custody without assessing the consequences for the applicant's defence rights of the lawyer's absence during his police interviews, examinations by the investigating judge and other acts performed in the course of the subsequent judicial investigation.*

*(e) The statements given by the applicant played an important role in the indictment and, as regards the count of the attempted murder of C.L., constituted an integral part of the evidence on which the applicant's conviction was based.*

*(f) In the trial before the Assize Court, the jurors did not receive any directions or guidance as to how the applicant's statements and their evidential value should be assessed.*

*194. The Court finds it important to emphasise, as it has done in other cases under Article 6 § 1 of the Convention in which an assessment of the overall fairness of the proceedings was at issue, that it is not for the Court to act as a court of fourth instance (see Schatschaschwili, cited above, § 124). In carrying out such an assessment, as required by Article 6 § 1, it must nevertheless carefully look at how the domestic proceedings were conducted, and very strict scrutiny is called for where the restriction on the right of access to a lawyer is not based on any compelling reasons. In the present case, it is the combination of the various above-mentioned factors, and not each one taken separately, which rendered the proceedings unfair as a whole.*

*(iv) General conclusion*

*195. Accordingly, there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.'*

Ghalhekk skont din is-sentenza, ir-restrizzjoni ghal access ta' Avukat waqt l-interrogatorju ma jfissirx awtomatikament li kien hemm lezjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq izda l-Qorti trid tqis ukoll l-'*overall fairness*' tal-proceduri sabiex tiddetermina jekk kienx hemm lezjoni o meno. Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal Joint concuring opinion tal-Imhalfin Yudkivska, Vučinić, Turković and Hüseynov ghas-sentenza fl-ismijiet **'Beuze v. Belgium'**[19] fejn fost affarijiet ohra ikkunsidraw li:

'*22. In sum, we believe that it is vital to make a distinction between the systematic defects and the particular defects which are found in individual cases as a result of targeted and context-specific restrictions (e.g. in terrorism cases) or as a result of mistakes and shortcomings in individual cases. It is not correct for the Court to consider the overall fairness of an individual applicant's case when a systematic ban exists, affecting every other individual in the applicant's position and in the absence of any assessment by the relevant national authorities.*

*23. The formulation of the exception is extremely clear: any derogation must be justified by compelling reasons pertaining to an urgent need to avert danger for the life or physical integrity of one or more people. In addition, any derogation must comply with the principle of proportionality, which implies that the competent authority must always choose the alternative that least restricts the right of access to a lawyer and must limit the duration of the restriction as much as possible. In accordance with the Court's case-law, no derogation may be based exclusively on the type or seriousness of the offence and any decision to derogate requires a case-by-case assessment by the competent authority. Finally, derogations may only be authorised by a reasoned decision of a judicial authority.*

*24. The Court must apply a strict approach to a blanket prohibition on the right to legal assistance; otherwise we will end up in conflict with the overall direction of both the case-law of the Court and EU law.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs Anthony Zammit (ID**

[19] Deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru, 2018 (Applikazzjoni numru: 71409/10)

**542182(M))**[20] gie meqjus li:

'*Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-persuna akkużata. Fil- każ odjern, għalkemm kif ingħad l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat mhumiex l- unika prova li nġabet fil-konfront tiegħu, u minkejja wkoll illi fl-istess stqarrijiet huwa jiċħad li d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, biss fl-istqarrija tal- 4 ta' Mejju 2013 huwa jagħmel dikjarazzjonijiet li l-Qorti tqis bħala inkriminanti, b'tali mod li kemm il-darba l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' din l- istqarrija, allura din sejra definittavement ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri odjerni.*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrijiet tal-imputat u għalhekk qegħda tiskartahom, kif qegħda tiskarta wkoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrijiet bħala inammissibbli.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Farrugia vs. Malta'**[21] u reza finali fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li:

'*98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no.37537/13, 12 January 2016).*

*99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage*

[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2019 (Kawza numru: 578/2013)
[21] Deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Gunju, 2019 (Applikazzjoni numru: 63041/13)

*test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*(i) Concept of compelling reasons*

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).*

*(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

*'118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position (see, for example, Schmid-Laffer v.Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position.*

*(iii) Conclusion*

*119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.*

*120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.'*

Interessanti hija l-*joint dissenting opinion* tal-Imhallfin Serghides u Pinto de Albuquerque fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra, ikkunsidraw li:

*'10. In any event, we are of the view that the right to a lawyer at the pre- trial stage does not hinge, in any way or form, on the state of vulnerability of the defendant. Nothing in the Convention makes the Article 6 § 3 (c) right dependent on such vulnerability. Such an abusive and restrictive interpretation of that right contradicts its essence. Every defendant, vulnerable or not, has a right, at the pre-trial stage, to a lawyer who will advise him or her on the defence strategy to be followed.*

*11. Secondly, the majority state that "The applicant did not allege, either before the domestic courts or before [the Court], that the Police had exerted any pressure on him, nor that the evidence obtained had been in violation of another Convention provision"[22].*

*12. We disagree with this argument. The fact that a defendant has not been pressured by the police does not limit his or her right to a lawyer. Legal assistance in a criminal procedure is indispensable not only to counter pressure by the police or any other evidence obtained in violation of the Convention, but to define a strategy for the defence and adapt it to every incident throughout the entire proceedings. The police are expected to act lawfully, regardless of the manner in which a defendant presents his or her defence, with or without the benefit of legal assistance. The one has simply nothing to do with the other. Lawful conduct by the police is not a valuable argument on which to restrict the exercise of a Convention right by the defence. Ultimately, this argument by the majority reflects a very restrictive conception of the role of the lawyer in criminal procedure.*

*13. Thirdly, the majority state that "in the present case, the applicant was informed repeatedly in a sufficiently explicit manner of his right to remain silent and the privilege against self-incrimination"[23].*

---

[22] § 111 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hmistax (15) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

[23] § 112 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sittax (16) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

*14. Again, we cannot accept this argument. The right to remain silent is not interchangeable with the right to a lawyer. These are two very different rights. Legal assistance at the pre-trial stage of a criminal procedure is essential to inform the defendant of the advantages and disadvantages, from the perspective of the defence strategy, of speaking out or remaining silent. In other words, the right to a lawyer is instrumental in effective protection of the right to remain silent (and of the privilege against self-incrimination).*

*15. In short, the fact that the applicant was informed of his right to remain silent if he so desired and the fact that the applicant did not claim that any pressure was exerted on him have nothing to do with his procedural right under Article 6 § 3 (c) of the Convention to have access to a lawyer. Those facts are irrelevant for the purpose of curing the breach of this right. In our view, it is a fundamental mistake at stage two not to take seriously into account the finding of stage one, especially when the test applied should be a very strict scrutiny[24]. Otherwise, what is the point of having two stages!?'*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello'**[25] iddeciediet ir-referenza Kostituzzjonali billi iddikjarat li fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fundamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-guri kontra tieghu, wara li fost kunsiderazzjonijiet ohra kkunsidrat li:

*'Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex muri li bl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġuri kontra l-akkużat ser jiġi mittiefes id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

*Qabel xejn, din il-Qorti tgħid illi ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet tajbin li jżommu lill-akkużat milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jagħti l-istqarrija. L-uniku raġuni li Martino Aiello ma setax ikun mgħejjun minn avukat kienet li,*

---

[24] § 108 of the present judgment. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sbatax (17) fil-*joint dissenting opinion* tas-sentenza citata)

[25] Deciza fis-17 ta' Ottubru, 2019 (Referenza Kostituzzjonali Numru: 38/2018 AF)

*dak iż-żmien, il-liġi ma kienitx tippermetti li l-akkużat ikun hekk mgħejjun f'dak l-istadju imma seta' jikkonsulta ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel.*

*Madanakollu, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.*

*Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija.*

*Proprju dwar ir-rinunzja, fil-każ ta' Paskal vs Ukraine, tal-15 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ewropea qalet hekk:*

> *"neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance."*

*L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu flimkien ma' martu mal wasla tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar l-*

*istqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din il-ġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità tal-prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall-preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-akkużat Martino Aiello ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bl-użu fil-ġuri kontra tiegħu tal-istqarrija li rrilaxxja fid-19 ta' Ottubru 2014.'*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello**'[26] cahdet l-appell u fost kunsiderazzjonijiet ohra, qieset li:

*'24. L-istqarrija ma ttieħditx bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' liġi u kien ċertament fl-interess pubbliku li każ dwar traffikar ta' droġi f'Malta, ikun investigat u jittieħdu proċeduri kriminali dwaru.*

*25. M'hemm l-ebda indizju li l-appellant ġie mġiegħel jagħmel dik l-istqarrija. Fl-ebda stadju m'allega xi theddid jew wegħda biex għamilha.*

*26. Fir-rigward ta' paragrafu (g) m'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni trid li dik l- istqarrija*

[26] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu, 2020 (Rikors numru: 38/18 AF)

*tintuża bħala prova importanti tal-ġuri li għad irid isir, u dan b'riferenza għal dak li ġara f'Mejju u Gunju, 2014 peress li fl-istqarrija Aiello ammetta li kien hemm darbtejn oħra f'dawk ix-xhur meta kien diġa` importa droga f'Malta. Fatt li saret riferenza espressa għalih fl-att tal-akkuża. Għalkemm il-ġuri għadu ma sarx, hu evidenti li dik l-ammissjoni fl-istqarrija għandha importanza fil-proċess kriminali tant li saret riferenza għaliha fl-att tal-akkuża.*

*27. Inoltre, dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax- xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9).*

*28. Li hu żgur hu li f'dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wiċċ imb'wiċċ, iżda irrifjuta. B'dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta' avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni. Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta' avukat preżenti. Dan apparti li kien infurmat b'mod ċar bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda xorta agħżel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta agħżel li jwieġeb għad-domandi li sarulu.'*

Ikkunsidrat ulterjorament;
Illi llum il-gurnata l-ligi tipprovdi ghad-dritt ta' suspettat jew akkuzat sabiex mhux biss jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija izda anke sabiex ikollu Avukat prezenti mill-bidu nett tal-investigazzjoni inkluz matul l-interrogazzjoni. Jirrizulta li ricentement il-Qrati regghu bdew iqisu l-vulnerabbilita' o meno tal-persuna li tkun rilaxxat l-istqarrija u qeghdin iharsu lejn l-*overall fairness* tal-proceduri biex jiznu jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq u ghalhekk il-fatt li stqarrija tkun giet rilaxxata minghajr il-prezenza tal-Avukat mhijiex dejjem tigi kkunsidrata bhala lezjoni ghad-dritt ghal smiegh xieraq.

Fil-kawza odjerna jirrizulta li fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem l-Ewwel Qorti gie vverbalizzat li:

'*Id-Difiza taghmel referenza ghal kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet Christopher Bartolo versus Avukat Generali et deciza fil-5 t' Ottubru 2018 Rikors Numru 92/16 u ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Appell Numru 259/18.*

*Illi in vizta ta' dawn iz-zewg sentenza d-Difiza titlob l-isfilz mill-process taz-zewg Stqarrijiet rilaxxati mill-imputat, wahda lil Spettur Jesmond Micallef a fol 23 et sequitur u l-ohra lil Spettur Said Sarreo a fol 221 et sequitur; Titlob ukoll sfilz ghal kwalunkwe referenza li saret ghalihom kemm dik maghmula mill-istess zewg Spetturi a fol 12 et seq u a fol 225 et seq rispettivament; Titlob ukoll l-isfilz tal-PIERS NPS4/H/3110/2013 li qieghed prezentat a fol 168 et seq u a fol 207 et sequitur u kwalunkwe referenza li saret ghall-istess rapport mis-Surgent 1137 fil-fil 204 et seq u 235 sequitur.*
*Il-Prosekuzzjoni qed titlob zmien sabiex tirregola ruhha dwar din it-talba maghmula mid-Difiza.*'

Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) gie vverbalizzat li '*Il-Prosekuzzjoni tirrileva li bhala dritt tal-Avukat l-imputat inghatalu liema dritt gie rifjutat u bhal issa hemm ghaddejja kawza Kostituzzjonali tas-Sinjur Martino Aiello li qeghda tinstema' mill-Imhallef Anna Felice u qiegheda ghat-Trattazzjoni ghall-21 ta' Marzu, 2019. Il-prosekuzzjoni titlob li semai ghandha naraw id-decizjoni ta' din l-istess kawza u nimxu fuq il-passi taghha.*'

Fis-seduta tat-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) il-Prosekuzzjoni talbat differiment sa kemm ikun hemm ezitu fil-kawza Pulizija vs Martino Aiello. Filwaqt li fis-seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) id-difiza talbet differiment '*in vizta ta' zviluppi ricenti inkwantu jirrigwarda l-ammissibilita tal-iStqarrija tal-imputat.*'

Jirrizulta li l-Ewwel Qorti qieset l-istqarrijiet bhala prova ammissibli tant li ghamlet referenza ghalihom fis-sentenza appellata. Din il-Qorti tqis li ghal dak li jirrigwarda l-Current Incident Reports li jinsabu a fol 207 et sequitur u 168 et sequitur, ma

jirrizultax xi drittijiet inghatghu lill-appellant qabel ma gie mitkellem. Jirrizulta ukoll li l-istqarrija li tinsab a fol 23 et sequitur datata t-8 ta' Jannar, 2016 immarkata bhala JM3 u l-istqarrija li tinsab a fol 221 et sequitur datata it-28 ta' Dicembru 2013 immarkata bhala Dok AD1 gew rilaxxati wara li l-appellant inghata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija u rrifjuta dan id-dritt. Jirrizulta izda li li l-appellant ma kellux id-dritt li jkollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrijiet u meta mitkellem mill-Pulizija u dan stante li l-ligi dak iz-zmien ma kinitx tiprovdi ghal dan id-dritt. Din il-Qorti tqis li gialadarba l-istqarrijiet, specjalment dik rilaxxata fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) fiha stqarrijiet inkriminanti, il-fatt li l-appellant kellu dritt li jkollu Avukat prezenti quddiem il-Qorti ma jfissirx li ma giex pregudikat b'dak li stqarr fl-istqarrijiet rilaxxati minghajr il-prezenza tal-Avukat matul l-investigazzjoni.

Din il-Qorti zzid li nonostante l-fatt li l-appellant kien irrifjuta li jikkonsulta Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija ma jfissirx li huwa kien ser jirrifjuta l-jedd li jkollu Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija kieku inghata dak id-dritt. Nonostante l-fatt li jirrizulta li l-Qrati qeghdin iharsu lejn l-*overall fairness* tal-proceduri sabiex jisthargu jekk stqarrija tilledix il-jedd ghas-smiegh xieraq, din il-Qorti tqis li l-gurisprudenza ma kristalizzax din is-sitwazzjoni u ghalhekk tqis li minkejja li ma hija bl-ebda mod tiddikjara l l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet rilaxxati minghand l-appellant minghajr Avukat prezenti jilledu d-dritt ghal smiegh xieraq, tqis li fl-interess tal-gustizzja ma ghandhiex tqis l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellant bhala prova ammissibli. Ghaldaqstant, kwalunkwe referenza li ssir ghal kontenut tal-istqarrijiet jew ghal dak li l-appellant qal lil Pulizija matul l-investigazzjoni u meta mitkellem mill-Pulizija minghajr ma kellu Avukat prezenti huma ukoll inammissibli u sejrin jigu skartati minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju mressaq mill-appellant u cioe' b'dak l-ittra 'B' jirrigwarda l-provi prodotti in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni u cioe' r-reat ta' storn. L-appellant mhux qieghed jikkontendi li ma giex pruvat li fiz-zmien mertu tal-allegat odjern huwa kien impjegat pubbliku, madankollu huwa jemmen bis-shih li l-prosekuzzjoni

naqset milli tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li huwa ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli fdati lilu minhabba l-kariga tieghu sabiex jiehu vantagg privat.

L-Ewwel Qorti sabet htija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni stante li "*mill-provi jirrizulta l-imputat kien ghamel uzu mit-templates fuq il-kompjuter system tal-ghassa taz-Zejtun u mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory sabiex jaghmel request lil Vodafone Malta Ltd sabiex isir jaf min kien qieghed icempel lil mara tieghu Maryanna Formosa minkejja lix-xoghol fir-rigward tat-tlestija tat-templates ma kienx fdat lilu, l-imputat stess li kien responsabbli milli jigbor ir-risposti ghal dawn ir-requests li jsiru lis-service providers minghand l-istess service providers, meta gabar ir-risposta bl-informazzjoni ghall-ittra li kien hejja huwa stess zamm l-istess risposta bl-informazjoni u kkonfronta lil martu biha u akkuzaha li kienet qed tircievi telefonati minghand il-persuna li kellha relazzjoni maghha.*" L-appellant ma jaqbilx ma din il-konkuzjoni ghax skontu il-provi ma jurux hekk. Jistaqsi minn fejn jirrizulta li ghamel uzu mit-templates u mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory? Minn fejn jirrizulta li kien responsabbli li jigbor minghand il-Vodafone din ir-request partikolari? Minn fejn jirrizulta li din ir-request partikolari ingabret mill-appellant? Minn fejn jirrizulta li kienet is-socjeta' kummercjali Vodafone li ghaddiet ir-risposta bil-call logs direttament lill-appellant u mhux lil Pulizija? Minn fejn jirrizulta ppruvat li r-risposta tghaddiet lill-appellant fil-kariga tieghu ta' impjegat pubbliku u mhux bhala zewg Maryanna Formosa?

Jissottometti li l-provi bl-ebda mod u manjiera ma juru li kien hu li ghamel uzu hazin mit-templates fuq il-kompjuter system tal-Ghassa taz-Zejtun u/jew mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory. Huwa kien jahdem bhala driver u li kienu biss dawk l-ufficjali li kienu jahdmu fl-ufficju tal-ghassa taz-Zejtun li kellhom access ghal tali templates.

Jissottometti li lanqas ma jirrizulta li kien ghamel uzu hazin mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory. It-timbru kellu access kull min jahdem gewwa l-Ghassa taz-Zejtun ghax kien jithalla miftuh. Li ghalkemm l-appellant setgha kellu access ghal ufficju ma ngabitx prova wahda li turi li ghamel uzu minn dan it-timbru f'din l-okkazzjoni partikolari. Li dejjem cahad li ghamel uzu tat-timbru tas-Supretendent

Vella Gregory u li lanqas is-Sur Vella Gregory ma kkonferma lil hin min kull dubju dettat mir-raguni li d-dokument ma ttimbrahx hu.

Jissottometti li ma jirrizulta minn imkien li l-appellant kien responsabbli biex jigbor dawn it-tip ta' requests u li kien gabar din l-informazzjoni. Skontu l-uniku persuna li setghet titfa dawl fuq kif inhadmet tali request u kif waslet t-talba ghand il-Vodafone u min gabarrha lura kienet Michelle Penza, il-persuna li probabbilment hadmet direttament fuq l-istess request. Ghalkemm ix-xhud ma tefghet l-ebda dawl fuq dan u ma hemmx prova dwar min gabarha. Jissottometti li anke jekk wasal ghand l-appellant, ma hemmx prova kif wasal ghandu, jekk bhala impjegat pubbliku jew bhala ragel ta' Maryanna Formosa.

Din il-Qorti sejra tibda billi tqis in succint il-provi principali li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti.

L-Ispettur Jesmond Micallef fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li fis-27 ta' Dicembru, 2013, is-Sinjura Maryanne Formosa detentirci tal-karta tal-identita' bin-numru 557461M kienet irrapurtat gewwa l-Ghassa ta' Marsaskala fejn allegat fil-konfront tar-ragel taghha Godfrey Formosa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 634762M li darba minnhom ir-ragel taghha kien mar lura d-dar u qalet li '*kien temmalha karta minghand il-Vodafone liema karta kienet turi telefonati personali taghha li kienet tircievi u tibghat. Dawn it-telefonati kienu personali taghha u ma seta' bl-ebda mod kif qalet hi jidhol fl-access personali.*' Kienet bdiet investigazzjoni minn naha tad-Distrett fejn hemmhekk kienu tkellmu man-naha tal-Vodafone u rrizulta li kienet saret talba datata l-1 t' Ottubru, 2011 lil Vodafone u t-titlu taghha din it-talba kien complaint by Maryanne Formosa id 557461M regarding anonymous malicious calls[27]. L-istess talba hija timbrata mis-Supretendent tad-Distrett numru 5 datata 13 ta' Ottubru 2011 u hija ffirmata. Din ir-request kienet inhadmet u intbghatet lura minn naha tal-vodafone, it-telefonati li saru lejn il-mobile 99858045, it-talba kienet ghal perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2011 sat-13 ta' Ottubru 2011. Huwa prezenta kopja tat-talba u tar-rizultanzi tal-istess talba bhala Dok JM1 u Dok JM2. Fl-10 ta' Dicembru 2015 is-Supretendent Raymond Vella Gregory kien gie

[27] Precizament it-titlu kien 'Complaint by M'anne Formosa ID 557461M regarding anonymous/malicious calls.'

mitkellem mill-Assisent Kummissarju Carmelo Magri fil-prezenza tax-xhud fejn kien irrakonta kif kienet il-procedura li meta jkollhom rapport ta' telefonati anonimi jew xi haga simili kienu jaghmlu talba lis-service providers kollha sa kemm xi hadd jibghatilhom lura. Il-linja kienet tal-Vodafone u kienu rcevew lura minghand il-Vodafone. It-talba kienet issir mill-Pulizija u kien jiffirmaha s-Supretendent. Is-Supretendent kien qal li normalment meta kien ikun hemm complaint, rapport, kienet issir okkorrenza, b'dik l-okkorenza kien jinfetah file, dak il-file kien jitla' quddiemu flimkien mar-request lis-service providers, jiffirmahom, jintbaghtu ghand is-service providers, meta jkunu lesti jingabru u mbaghad jghaddihom lil min ikun qed jahdimhom, Spettur, Surgent min ikun. It-talba kienet issir minn naha tal-ufficju u titla fl-istess file flimkien mal-okorrenza. Is-Supretendent Vella Gregory kien gie muri id-dokument fejn '*hemm ukoll il-firma tieghu fejn hu cahad kategorikament li dik il-firma ma kinitx tieghu.*' It-timbru jkun dejjem fl-ufficju tieghu izda l-ufficju tieghu wara li kien imur id-dar ghamel zmien ma kienx jaghlaq l-ufficju minhabba li Pulizija nisa kienu juzaw it-toilet tal-ufficju tieghu. Saqsewh ukoll jekk qattx telghu xi karti loose li ma kienux go file biex jiffirmahom u jittimbrahom fejn hu ghal darba ohra rega' cahad li jsir hekk.

Ix-xhud xehed li kellem lis-Sinjura Formosa fejn cahdet li ghamlet rapport go xi Ghassa tal-Pulizija jew x'imkien iehor mal-Pulizija dwar xi telefonati anonimi li kienet qieghda tircievi. In kontro-ezami qal li l-ufficju tas-Sur Vella Gregory huwu gol-Ghassa taz-Zejtun fis-sular ta' fuq jekk mhux sejjer zball. L-imputat dak iz-zmien kien stazzjonat l-Ghassa taz-Zejtun u kien xufier tas-Supretendent Vella Gregory. Ikkonferma li s-Sur Vella Gregory cahad li dik il-firma tieghu. Ma sarx ezercizzju komparattiv izda kif gie muri kopja tad-dokumenti u mal-ewwel qal li dik il-firma mhux tieghu.

L-Ispettur Jesmond Micallef fis-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) in kontro-ezami ikkonferma li l-imputat u l-mara kienu ghamlu rinzunja wiesa bejniethom, kien tkellem mal-Avukat Generali u gie deciz li l-akkuzi johorgu xorta minhabba li l-kaz kien ex ufficio.

Dwar requests tas-service providers spjega li '*meta kont fid-Disrett jiena tajjeb niftakar kienu jsiru r-rapporti serq ta' mobile phones, theddid, telefonati anonimi u dawk niftakar ha nitkellem, jien kont Ta' Sliema tajjeb, niftakar Ta' Sliema kien hemm persuna apposta kellha t-template, kellha format u kienet timlih tajjeb. Mela kull rapport li kien jidhol s'intendi kienet issir din it-template kienet timtela wara li jkun hemm rapport tajjeb. Kif ikun hemm din ir-rapport timtela template la mal-file ikun hemm il-kopja tar-rapport l-okkorenza l-PIERS u dawk imorru ghand is-Supretendent tad-Distrett u kien jiffirmahom is-Supretendent. Jiena bhala Spettur ma konniex nistghu niffirmaw u nahseb li ghadha l-istess sallum*'. Is-supretendent jew aktar jiffirmahom. Ikkonferma li kien hemm template tar-request. Meta kienu qeghdin jinvestigaw dan il-kaz kien baghat ukoll ghan-nies li dak iz-zmien kienu l-ufficju taz-Zejtun, l-ufficju tal-Ghassa taz-Zejtun u jiftakar li kien kellem Pulizija mara izda nesa isimha u n-numru taghha li kienet tiehu hsieb dawn it-templates. Mistoqsi jekk ma kienx is-Sur Formosa li kien addett li jiehu hsieb dawn it-templates fi hdan l-Ghassa taz-Zejtun, wiegeb li dik li jtella r-request ghand is-Supretendet ma jistax jghidha imma templates jahseb ikunu fil-kompjuter ta' min jiehu hsieb l-affarijiet u jassumi jimlihom hu. Mhuwiex cert jekk kienx hemm xi haddiehor li kellu access u seta' jaghmilhom ukoll izda eventwalment meta jkunu lesti jekk telax bihom hu jew is-sinjur jew xi hadd iehor ma jistax jghidha. Assuma li min jiehu hsieb dawn l-affarijiet ikollu kompjuter tieghu u access ghat-template, ma jafx jekk it-tieni persuna reliever ikunx jista jaccessaha mit-tieni kompjuter jew jidholx fil-kompjuter bil-password tat-tieni persuna, ma jistax jghid.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-Ispettur Jesmond Micallef dwar dokument immarkat bhala JM1 a fol 19 qal li normalment fl-ufficini tad-distretti jkun hemm template li meta jkun hemm xi haga biex issir request lis-Service Providers timtela, tibdel id-dettalji fuqu skond il-kaz u jintbaghat lis-service providers differenti skond minn fejn il-mobile ikun qieghed jiehu servizz. Ikkonferma li Pulizija tal-ufficini ma jinbidlux bhal tal-Ghassa u li kull min qieghed stazzjonat l-ufficju ghandu l-kompjuter tieghu u password tieghu. It-template johrog mill-ufficju. Normalment it-template tkun ghand il-persuna, kuntistabli ragel jew mara li jkun jiehu hsieb dawn l-affarijiet. Ma jistax jghid kellux access l-imputat. In-norma hija li min ikun jahdimhom ikollu access ghalihom bil-password tieghu u haddiehor ma jkunx jaghmilhom ma ghandux ghalfejn ikollu access ghalihom.

Is-Supretendent Raymond Vella xehed fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) li fil-perjodu ta' Ottubru, 2011 kien stazzjonat il-5 PD jigifieri z-Zejtun u l-inhawi. Meta kien ikun hemm rapport ta' xi telefonati anonimi jew forsi serq ta' mobile spjega li l-ewwel complainant jaghmel ir-rapport, jinfetah file u mbaghad kienu jibghatu lis-Service Providers bin-numru, u mbaghad is-service providers jghidulhom jekk dak in-numru ikunx abbonat maghhom jew le. L-ewwel kienu jibghatu zewg, l-ewwel generali u jekk il-provider jghidilhom li abbonat mieghu, kienu jitolbuh jaghtihom iktar informazzjoni, speci minn fejn gejjien it-telefonati. It-talba kienet tigi quddiemu go file, u l-file kien ikun fih il-complaint, jigifieri l-kopja ta' dak li huma kienu jghidulu l-Piers. Jekk ikun hemm rapport tas-Surgent kien jitnizzel hemm ukoll. Imbaghad jghaddi l-ufficju, imbaghad kienu jibghatulu biex jiffirma l-karta formola apposta ghas-server providers u mbaghad kienet jekk jigi ndikat server provider illi n-nurmu ikun allokat lilu kienu jerghu jiktbulu biex jaghtih aktar dettalji fil-fund. Il-formola kienet tigi preparata mill-ufficju, kienet titla' quddiemu u jifirmaha. Kien ikun hemm duplikata, wahda tinzamm fil-file u l-ohra tintbaghat. Mistoqsi jekk ir-request li tintbaghat lis-service provider jekk jiehodhom xi hadd, wiegeb li '*gieli kien ikollna kazi fejn jintbaghtu, pero' iktar kienu jintbaghtu. Pero' fil-fatt certu providers kienu jippreferu li jmorru by hand*'. Mistoqsi kif kienet tasal lura ir-risposta minn naha tas-Service Provider wiegeb li by hand hafna minnhom. Mistoqsi jekk kien hemm xi hadd partikolari li kien igibhom lura minghand is-service provider wiegeb li '*skond liema karozza tkun available u skond l-urgenza tal-kaz pero' jekk ikun kaz urgenti naraw liema vettura tkun available u konna nippikjawhom minn hemm*'. Meta ma jkunx kaz ta' urgenza, min ikun hemm available '*jekk id-drivers li kienu jkunu available kienu jmorru huma u gielu marru bil-posta ukoll dik li ahna nsjehulu l-basket*'. Id-drivers tieghu kienu Raymond Mallia u l-imputat.

Gie muri Dok JM1 u qal li hi ittra mibghuta lil Vodafona '*Li suppost din il-complainant kienet is-Sinjura jew Sinjorina Maryanne Formosa u kien ikun hemm kif ghidt qabel, fil-fatt din tghid with a violation of section, issa the calls alleged received on telephone number dan qed tifhem*'. Xehed li '*It-timbru huwa tieghi, huwa t-timbru tieghi pero' l-firma le*'. Mistoqsi minn xiex qed taghraf li mhijiex tieghu wiegeb '*Mit-tondjatura li hawn hawn isfel*'. It-timbru tieghu. Mistoqsi minn kellu access ghat-tibru spjega li kien ihalli l-

ufficju dejjem miftuh halli il-Pulizija nisa jkollhom access ghal kamra tal-banju. It-timbru kien jinzam fuq id-desk. Mistoqsi dwar JM1 jekk setghax ittimbrah u iffirmah hu dak id-dokument wiegeb '*I doubt it minhabba il-firma*'. Spjega li mhux normali li titla' karta wahedha u r-referenza ma tezistiex jigifieri ma hemmx il-file number. Ikkonferma li s-Sur Formosa kien ghaddej minn zmien terbulanti hafna, kien qed jibza li l-mara tieghu kienet qed taghmel minn kollox biex tnehhilu l-uniformi, biex tghaddih procduri biex jitkecca mill-korp tal-Pulizija u l-ikbar concern kienet fuq it-tfal. Kien qed jinkwieta li s-Sinjura Formsoa qed tara lil xi hadd iehor u mbaghad 'l iktar li kienet tikkoncernah kienet li s-Sinjura Formosa kellha marda. Gew prezentati zewg envelopes b'dokumenti immarkati bhala bhala dok RVG 1 u RV2 biex tigi mqabbla l-firma tieghu mal-firma fuq dok JM1.

In kontro-ezami ikkonferma li dokumenti bhala Dok JM1 ma kienx jikkompilahom hu izda kien jiffirma. L-ufficju kien hemm template apposta.

Is-Supretendent Raymond Vella Gregory rega xehed fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u mistoqsi meta kien ikun miftuh il-bieb tal-ufficju tieghu spjega li kien gie trasferit iz-Zejtun fit-3 ta' Ottubru 2006 u dam hemm sat-30 ta' Gunju, 2013. Spjega li l-bieb kien iebes biex taghlqu u din il-problema baqghet sejra xi 4 snin, sa kemm telaq hu kienet ghadha hekk jigifieri sa meta telaq f'Gunju 2013. Spjega li kellhom Pulizija gdid jidhirlu mis-Siggiewi u peress li ma kellux trasport kien jorqod l-Ghassa meta jmissu certu Ghasses u kien juza x-shower u t-toilet tieghu biex ikun jista' jkompli l-ghada filghodu ghax ma kellux karozza u licenzja tas-sewqan. Il-bieb fil-perjodu tieghu kwazi 7 snin dejjem kien miftuh. Jaghlqu biss fuq talba ta' min imur ikellmu.

Maryanne Formosa fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet dwar il-problemi tz-zwieg mal-imputat. Xehdet li '*fl-opinjoni tieghi illi r-ragel tieghi kien abbuza anke bl-uniformi li kien ha l-gurament li hu kien se jkun dejjem lejali ghaliha. Waqt argument li gara fit-2011 kien stqarr mieghi jigifieri mhux daqshekk facli eh, jigifieri kellna argument jahraq u fost ghajjat u theddid illi jaf x' qed naghmel jiena fuq il-mobile, jaf min qed icempilli.*' Spjegat li f'Ottubru 2011 '*kien jidher irrabbjat hafna, hafna. kellu karta f'idu ikkorjerjani,. qabadli din il-karta temmahieli ma' wicci. Qalli inti tahseb jien*

*ilni fil-korp dawn is-snin kollha u ma nafx x' ghandi naghmel ? Qalli inti tahseb li jiena ma nafx min qed icempillek ? Qalli inti tahseb illi inti se taghmel xi haga u jien ma nkunx naf biha. Qalli kollox naf, min qed icempillek, kemm -il darba qed icempillek u meta qed icempillek. Qalli kollox naf. Dak il-punt jiena ksaht, qbadt nibki. Bdejt nibza' mmens ma tkellimtx ovvjament qas biss tniffist. Qabad u telaq 'il barra u mbaghad wara ftit mhux dakinhar eh jigifieri meta hassejt ftit kuragg li nghidlu isma' li kienet safe biex inkellmu ghidtlu aqtali kurzita' l-informazzjoni minn fejn gibtha ghidtlu ghax mhux suppost ghamilt hekk. Dak il-habta jidhirli kien hemm kaz ta' mara li xi hadd kien tahom, kienet tilfet hajjitha fuq l-istess affarijiet. Qalli gibtha qalli jien ghandi hafna hbieb qalli gibtha minghand habib tieghi tal-Vodafone. U fil-fatt jiena kont ghadni sa kemm mort l-Ghassa qed nghid lil-informazzjoni gabha minn habib tieghu tal-Vodafone'.*

Fl-elfejn u tlettax (2013) kienet cemplet u ghamlet rapport il-Customar care tal-Vodafone, kienu ghamlulha appuntament il-head office ta' Hal-Luqa u mar hemm. Kienet kelmet lIl xi hadd tahseb lil Vanessa Borg, ghalkemm mhux certa fuq isimha. Spjegat li '*Ghidtilha fit-2011 ghidtilha r-ragel tieghi dak iz-zmien kien ghadu r-ragel tieghi ghidtilha gab informazzjoni minghand impjegat taghkom ghidtilha u lanqas biss dan l-impjegat jirrealizza x' konsegwenzi kellu fuq hajti. Ghidtilha jimporta tindagaw biex tara ezatt x' kien il-kaz.* ' Xahrejn wara cemplitilha Dr Melanie Borg Avukat tal-Vodafone u qaltilha li kien hemm indhil fuq il-kont taghha pero mhux minn impjegati taghhom izda mill-pulizija. Ir-ragel qalilha li kien gab l-informazjzoni minn habib tal-Vodafone. Qatt ma ghamlet rapport dwar il-mobile personali taghha, la kellha theddid fuq telefonati u lanqas missed calls minn persuni li ma tafhomx, ma kelliex htiega li taghmel rapport.

Spjegat li kienu jmorru counselling fuq ir-relazzjoni ta' bejniethom, li kellu rabja u temperament. Giet murija dokument MG2 li jinsab a fol 52 et sequitur[28] u mistoqsi kienx l-istess dokument ta' meta r-ragel avvicinah bid-dokument f'idejh, wiegbet li beda jghajjat u hi bdiet tibki, kien hemm hafna numri izda ma tafx hux dak. In-numru taghha huwa 99858045.

[28] Din il-Qorti tinnota li MG2 jinsab a fol 58 et sequitur.

In kontro-ezami mistoqsija jekk fit-3 ta' Ottubru 2014 hi u r-ragel iffirmah dokument fejn qablu li jirtiraw ir-rapporti kollha li kienu ghamlu kontra xulxin inkluz dan, qalet li '*Ma kienx hemm specific imma ffirmajna li nnehhu, ma niehdux passi ghal xulxin*'.

L-Assistent Kummissarju Carmelo Magri fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li kien kellem lis-Supretendent Vella Gregory peress li kien hemm allegazzjoni li ntuzat xi ittra request lil Vodafone skond l-informazzjoni li kellhom din ir-request, ir-rizultat kien f'idejn l-imputat li kien id-driver tas-Supretendent Vella Gregory. Riedu jaraw jekk dik il-firma jew ir-request kienx ghamilha s-Supretendent. Is-Supretendent cahad li l-firma tieghu, l-ufficju kien ihallih miftuh u it-timbru kien ihallih fuq id-desk u kull min seta' dahhal kellu access ghat-timbru. Ikkonfrontawh jekk kienx komplici mal-imputat u kien innega kompletament.

PC 30 Malcolm Cachia fis-seduta tad-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li rigward ghasses, distrett numru 5 kien kompost miz-Zejtrun, Birzebugia, Marsaxlokk, Hal-Ghaxaq, il-Gudja, iz-Zurrieq, l-Imqabba u l-Qrendi, Hal-Safi u Hal-Kirkop. Dan id-distrett kien jaqa' taht is-Supretendent Raymond Vella Gregory.

Fil-Current Incident Report immarkat bhala Dok GŻ1 a fol 168 et sequitur, fost dettalji ohra dwar rapport li sar minn Mary Anne Formosa u t-tifel taghha Ryan Formosa fis-27 ta' Dicembru 2013 tnizzel li '*Is-Sinjura Formosa stqarret ukoll illi darba minnhom Godfrey kien gie id dar u temmala karta min ghand il vodafone liema karta kienet turi telefonati personali taghha li kienet tircievi u tibghat liema telefonati kienu personali taghha u ma seta bl ebda mod jithol fuq access personali.*' Fis-27 ta' Dicembru 2013 irraportat l-Ghassa bint l-imputat Denise Formosa ukoll fuq kwistjoni differenti.

Dan ir-rapport gie pprezentat ukoll a fol 207 u mmarkata bhala Dok KV1. PS 1137 Kevin Vella fis-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed dwar rapport li dahal fis-27 ta' Dicembru 2013, fejn fost affarijiet ohra Mayranne Formosa kienet qaltilhom li gab telefonati taghha minghand il-Vodafone li kienu personali taghha.

L-Ex Spettur Robert Said Sarreo fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed dwar rapport li sar fis-27 ta' Dicembru. Ikkonferma li fost wahda mill-allegazzjonijiet li ghamlet Maryanne Formosa fil-konfront ta' Godfrey Formosa kien hemm li b'xi mod gab data minghand il-Vodafone.

Quddiem l-Ewwel Qorti telghu jixhdu numru ta' impjegati u ex-impjegati tal-kumpanija Vodafone. Marisa Gauci minn Vodafone plc fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li r-request ircevewha fl-1 ta' Ottubru 2011. Mistoqsija jekk hemm minghand min kienet mibghuta r-request, wiegbet '*Hemm mela Inspector Godfrey Formosa*'. Huma dahlu r-request fid-database, raw li hi ffirmata mis-Supretendent u hadmuha normali. Jaghmlu search bil-mobile number jew bl-Imei li jkunu tawhom. Il-mobile number hu 99858045. Telghet l-informazjzoni li gew mitluba jaghtu u bghatuha normali mar-request l-ohrajn. Huma jiskenjaw ir-request originali u jdahlu kollox fil-folder izda l-original jixredjawha. Ir-request hija Dok MG1 u l-informazzjoni li taw Dok MG2. Ma tafx min hadem ir-request. Dak iz-zmien kienu jrcievu r-requests bil-posta, tar-reception kienet tghaddihom lil min kien jahdimhom, jiftuha, idahluhom fid-database u jaghmluhom go file, jinhadmu. Issa inbidlet il-proceduri ghax qed jircevuhom by email.

Marisa Gauci fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) misitoqsija dwar ilmenti ma' Vodafone li resqet Maryann Formosa fis-sena 2012 wiegbet li ma sabet ebda ittra ta' complaint. Kull request u cioe' ilment li kienet issir kienet tiehu hsiebha Michelle Penza.

Marisa Gauci reghet xehdet fid-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet li n-numru 99858045 huwa abbinat ma' Maria Anna Formosa bin-numru tal-karta tal-identita' 0557461M. Prezentat Dok VF1 bid-dettalji ta' Maria Anna Formosa.

Dr Melanie Borg xehdet fil-31 ta' Ottubru, 2017. Kienet tahdem ma' Vodafone Malta Limited. Id-dipartiment kien maqsum fi tnejn Legal u regulatory u kienet tiehu hsieb legal affairs tal-kumpanija jigifieri contracts, legal advice, complaints. Jekk ikun hemm ilment fuq affarijiet ta' konsumatur kienet tiehu hsiebha hi. Kienet tifforma

ukoll parti minn team jghidulu corporate security team. Rigward allegazzjonijiet ta' kwistjonijiet ta' data protection generalment kienu jiltagqhu mal-persuna, team ta' tlett persuni, hi mill-Legal Department, ohra mill-IS -Information security Department u persuna mill-Fraud. U kienu jiltagqhu mal-persuna generalment, jiehdu l-informazzjoni mehtiega u wara ssir investigazzjoni da parti tat-team u jigi komunikat ir-rizultat tal-investigazzjoni lil persuna li ghamlet l-ilment. It-team ma kintix tiehu hsiebu pero sa fejn taf hi, kien jinzamm record ta' kull ilment. Meta kienet impegata kienu jnzammu ghal perjodu indefinit dawn it-tip ta' records. Telqet f'Settembru 2014. Ma tiftakarx lil Maryann Formosa ghax ghadda zmien u kienu jiltaqghu ma bejn 6 u 10 ilment fix-xahar. Meta kienu jikkomunikaw ir-rizultat bit-telefon hafna drabi kienet taghmlu hi. L-irwol tiaghha fil-corporate security kien limitat hafna. Ma kinitx tinvestiga hi izda l-esperti teknici. Kienet tiltaqa mal-persuna, tara kienx hemm xi lok ta' legal imput minn naha taghha u ccempel u tghid ir-rizultat tal-investigazjzoi skond x'kienu jghidulha t-tnejn l-ohra. Il-head of legal department manager kien Jason Pavia.

Jason Pavia fis-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li jahdem il-Vodafone u qieghed Manager ta' Legal u Regulatory Affairs u kien ghadu kif jilhaq din il-pozizzjoni fl-2011. Huwa ma sab l-ebda dokument ta' Maryanne Formosa bin-numru tal-karta tal-identita' 557461M. Il-procedura ta' meta jcempel xi hadd b'ilment kienet li jiltagqhu mieghu nies minn tal-kumpanija , xi hadd mit-team legali, xi hadd tal-IT u xi hadd mit-team jghidulu fraud team. Jisimghu l-ilment u jaghmlu l-investigazjzoni. Jekk tinstab li inharget xi informazzjoni minn naha tal-kumpanija li mhux suppost ikunu ttiehdu mizuri dixxiplinarji, jekk ma jsibux li xi hadd mil-kumpanija ghamel xi haga hazin il-kaz jinghalaq.

Dwar informazzjoni dwar numru ta' telefon li kien qed icempel u jircievi klijent, qal li xoghlhom li jaraw li dik ir-request saret minn min hu awtorizzat biex jaghmilha minn naha ta-Pulizija, ma joqghodux ituha lil kulhadd, jidhrlu li dan il-kaz sar minn Spettur u kien hemm anke Supretendent ikkupjat fir-request. Kif jccekjaw li dik hija kif suppost skond il-ligi u jghaddu l-informazzjoni. Fuq dan il-kaz, li ghandhom hija request li dahlet u l-informazjzoni li taw lil Pulizija. Fuq l-ilment ma nstabx. Jghid li f'dan il-kaz ma nfetahx file.

Michelle Penza fid-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdet li fl-2011 kienet tahdem bhala Data request administrator jigifieri kienu jipprocessaw request li kienu jircievu. Kienet tahdem ma' Vodafone. Giet murija fol 19 u qalet li hawn request rigward anonymous calls, kienu hargu l-informazzjoni f'Ottubru 2011 u processawha f'Novembru minn naha taghhaom u hawn ir-records tat-telefonati li kien hemm fuq in-numru li kienu talbuhom. Ma tiftakarx hargithiex hi. Bhala complaints generali normalment kienu jiehdu hsiebhom call centre, kwalunkwe complaint. Jekk ikunu rigward affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' legali kienu jghadduhom lil Avukati pero' essagg ma kienx ikollu x'jaqsam maghhom.

Is-Supretendent Kenneth Haber fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) mistoqsi dwar l-ordnijiet primarji tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, spjega li '*every police officer shall be deemed to be a police officer at all times and shall dedicate his whole time to the service of the Force and shall not carry on any other work*'. Id-dmir primarju huwa li jippreveni r-reat. Ma jafx dwar cirkulari dwar meta membru tal-Korp attiv jara kunflitt ta' interess, jghid li l-prassi fil-Korp hija li dak li jkun jirtira minnha u jhalli lil haddiehor jghaddiha lil xi haddiehor bhala prassi. In kontro-ezami mistoqsi meta jkun hemm relatives involuti f'xi kaz x'inhi l-prassi, jghid li norma hija li dak li jkun jirtira minnha u jghaddiha lil Spettur, Surgent iehor minhabba kunfltit ta' interess.

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis  dak li l-espert Joseph Mallia kkonstata. Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn kien  ghamel referenza ghal talba tieghu li jigi prezentat l-original ta' dokument JM1. Sussegwentement mix-xhieda ta' Marisa Gauci mill-Vodafone plc fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) irrizulta li  l-original tar-request ma tinzamx, jiskenjawha u jixredjaw l-original.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) l-espert Joseph Mallia spjega li hadem fuq dokument RVG 1 u RVG 2  li dawn huma stqarrijiet u dokumenti ohra tal-Pulizija ffirmati mis-Supretendent Raymond Vella Gregory. Hafna minnhom kienu fotokopji ghalhekk ghazel l-original biss u mar ghas-snin

2000 sa 2003 biex ikunu qrib il-firma li hemm fuq dokument JM 1. Spjega li '*Sibt illi lis-Supretendent Raymond Vella Gregory il-firma tieghu baqghet stabbli tul dawk it-tliet snin ghajr ghal xi varjazzjonijiet zghar li huma naturali meta wiehed jiffirma.*' Huwa sab diversi diskrepanzi kemm fid-disinn u anke fil-kwalita tal-linja fit-trejied u fis-slow writing. Hemm ukoll appendices li l-linja ma tkompliex u meta tqabbel il-karatteristici ta' din il-firma fuq id-dokument JM 1 m' hijiex kompatibbli ma' kif is-soltu jiffirma s-Supretendent Raymond Vella Gregory. Ir-rapport jinsab a fol 67 et sequitur u mmarkat bhala AD1.

Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) Joseph Mallia xehed kif fid-29 ta' Settmebru ta dik is-sena kien gie awtorizzat jiehu kampjuni tal-firma tas-Sur Godfrey Formosa. Kellu jirtira dokument JM1 a fol 6 tal-process u jara jekk il-firma allegatament tas-Supretendent Vella Gregory gietx maghmula minn Godfrey Formosa. Ghamel l-ezami komparattiv u spjega li l-firma allegatament tas-Supretendent Vella Gregoy hija ffurmata minn linji u disinn filwaqt li l-firma ta' Godfrey Formosa hija ffurmata minn konsonanti u vokali maqghudin ma' xulxin b'kitba mexxejja. Ghalhekk peress li l-firma tas-Supretendent Raymond Vella Gregory hija ffurmata biss minn linji, ma tistax titqabbel b'mod cert minghajr ebda dubju ma dik ta' Godfrey Formosa. Huwa esebixxa rapport bhala Dok JM2 a fol 121 et sequitur.

Fil-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fost affarijiet ohra spjega li dwar l-ewwel rapport kien hadem fuq l-orginal li huma tas-sena 2000, 2001, 2002 u 2003. Mistoqsi fuq it-trapass taz-zmien fuq bniedem, jekk dan jaffetwax jew le l-kalligrafija, spjega li '*Bhala punti karatteristici hafna ikun ghaddej minn xi perjodu mediku, ikun qed jiehu xi medicina li ha tislowjalu l-metabolizmu tieghu jew inkella taffetwalu n-nervituri ta' jdejh jew affarijeit ohra allura jkun hemm diskrepanzi ukoll, jista' jkun hemm diskrepanzi minn meta tkun ghadek izghar ghal meta mbaghat tkun.*' L-ahhar li ra lis-Sur Vella Gregory kien baghtut u jahseb li ghandu problemi ta' sahha. Is-Sur Vella Gregory qatt ma kien prezenti l-Qorti biex jiehodlu sample tal-kalligrafija u lanqas il-Prosekuzzjoni sa fejn jiftakar producew lis-Sur Vella Grgeory sabiex jiehdu samples tal-kalligrafija seduta stante.  Huwa ghad fuq id-dokumenti li ghaddieltu l-Qorti. L-istat ta' sahha naqra deterjoranti, rah milux.

Saret ukoll referenza ghat-tieni rapport Dok JM2. mistoqsi dwar studji xjentifici li jghidu li mhuwiex idejali li l-imputat jaghti sample tal-kalligrfija gol-bini tal-Qorti minhabba added stresssli tista' taaffetwa l-kalligrafija tieghu, jghid li hemm xi haga mill-Unjoni Ewropeja li tghid f'dan is-sens pero' dawn is-samples ittiehdu fil-bini tal-Qorti u ghalhekk ikkonferm li fil-konkluzjoni tieghu f' dok JM2 ma kkunsidrax dan il-fattur. Huwa kkonferma li *added stress* tista' taffetwa l-kalligrafija. In ri-ezami dwar is-sahha o meno tas-Sur Vella Gregory qal li ilu xi sena, sena u nofs li rah. Ma jafx kif kienet is-sahha tieghu fis-sena 2011.

Ikkunsidrat;

L-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-appellant hija dik ta' storn u taqra:

> '*Fl-1 t' Ottubru 2011 u fil-granet u gimghat ta' wara din id-data, f' dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantaġġ privat tieghu jew ghall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamilt użu hażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeġ mobbli, illi ġew fdati lilek minhabba l-kariga jew impjieg tiegħek jew sraqthom;*'

L-artikolu 127(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa*'

Fiz-zmien tal-allegat reat, l-artikolu 127 ma kellux subartikoli izda anke wara l-emendi li saru fl-2013, l-elementi kostitutivi tar-reat baqghu l-istess.

Dwar dan l-artikolu, fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') Vs</u>**

**<u>Carmel Saliba ta' 56 sena, bin Joseph u Josephine nee' Calleja, imwieled Zebbug, Ghawdex, fl-10 ta' Gunju 1955, residenti fi 63, Charchris, Triq il-Knisja, Zebbug, Ghawdex, u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 38055(G)'</u>**[29] gie kkunsidrat li:

*'Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo:*

*"Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding:*

***"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."***

*Jidher ghalhekk illi l-mens rea fil-kummissjoni ta' dan ir- reat huwa l-intenzjoni tal-ufficjal pubbliku li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b'mod frawdolenti biex b'hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija versus Alezander Zammit et'</u>**[30] gie kkunsidrat li:

*'Kwantu għaħal dan l-aggravju jiġi rrilevat li r-reat ta' storn huwa kkontemplat fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali.Wieħed mil-elementi essenzjali ta' dan ir-reat huwa li l-oġġetti in kwistjoni jkunu ġew fdati lill-individwu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta' l-oġġetti, jew inkella jkun hemm it-teħid tagħhom invito domino li hu element tas-serq. Wieħed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-ieħor relattivament għall-istess fatt;'*

[29] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-31 ta' Mejju, 2012 (Numru: 56/2010)

[30] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-13 ta' Marzu, 1998.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Pierre Calleja) Vs Frank Farrugia Omissis'</u>**[31] gie meqjus li:

'*L-istorn jipprospetta dawn l-elementi. Li wieħed ikun*

*(a) impjegat pubbliku u*

*(b) li għamel użu ħażin minn ħwejjeġ mobbli fdati lilu*

*(ċ) li kienu fdati lilu minħabba l-kariga tiegħu*

*(d) għall-vantaġġ privat tiegħu.*'

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel element u cioe' li persuna ikun impjegat pubbliku, ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan. Filfatt, fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) PC 30 Malcolm Cachia prezenta kopja tal-white card ta' PC 745 Godfrey Formosa. Din tinkludi informazzjoni personali, korsijiet li jkun ha matul il-korp, fejn kien posted matul is-servizz tieghu. Xehed li dahal fil-11 ta' Ottubru 1982 u prezentement jinsab bil-leave biex jirtira bil-hamsa u ghoxrin sena servizz. Din il-white card giet prezentata bhala Dok MC1.

Joseph Saliba fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) prezenta l-employment history tal-imputat bhala JS1 a fol 144 et sequitur. Minn din jirrizulta li l-appellant kien membru tal-korp tal-Pulizija u cioe' kuntistabbli tal-Pulizija mill-elf, disa' mija u tnejn u tmenin (1982) sal-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016). Ghalhekk la darba kien kuntistabbli tal-Pulizija fiz-zmien meta allegatament sehh ir-reat, ifisser li huwa kien Ufficjal Pubbliku.

Sabiex jissusisti r-reat jehtieg li l-Ufficjal Pubbliku ikun ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli <u>fdati lilu</u> u li l-hwejjeg mobbli kienu fdati lilu minhabba l-kariga tieghu u li jaghmel uzu ghal vantagg privat tieghu. L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset:

[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Jannar, 2011 (Appell Kriminali Numru: 172/2010)

'*Mill-provi jirrizulta l-imputat kien ghamel uzu mit-templates fuq il-kompjuter system tal-Ghassa taz-Zejtun u mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory sabiex jaghmel request lil Vodafone Malta Ltd sabiex isir jaf min kien qieghed icempel lil mara tieghu Maryanna Formosa. Minkejja lix-xoghol fir-rigward tat-tlestija tat-templates ma kienx fdat lilu, l-imputat stess li kien responsabbli milli jigbor ir-risposti ghal dawn ir-requests li jsiru lis-service providers minghand l-istess service providers, meta gabar ir-risposta bl-informazzjoni ghall-ittra li kien hejja huwa stess zamm l-istess risposta bl-informazzjoni u kkonfronta lil martu biha u akkuzaha li kienet qed tircievi telefonati minghand il-persuna li kellha relazzjoni maghha. L-imputat ghalhekk bhala ufficjal pubbliku ghamel uzu hazin mir-risposta bl-informazzjoni fdata lilu minn Vodafone Malta Ltd minhabba l-kariga tieghu kif ukoll mit-template u mit-timbru tas- Supretendent Vella Gregory, ghall-vantagg privat tieghu u cioe' sabiex ikollu nformazzjoni dwar it-telefonati li kienet qed tircievi martu u jsir jaf jekk hija kienx qed ikollha relazzjoni ma xi hadd iehor.. Fil-fehma tal-Qorti dan jinkwadra fir-reat ta' storn u l-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.*'

Stante li din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza laqghet l-ewwel aggravju tal-appellant u ddikjarat stqarrijiet u dak mitqal lil Pulizija mill-appellant bhala inammissibli, din il-Qorti trid tqis il-kumplament tal-provi. Mill-atti jirrizulta li l-imputat fiz-zmien meta allegatament sehh ir-reat kien Pulizija, xufier tas-Supretendent Raymond Vella Gregory li kien stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun. Mill-provi irrizulta ukoll li meta kien ikun hemm ilment dwar telefonati anonomi, il-procedura kienet li tintalab informazzjoni mis-service providers u sussegwentement meta jigi stabbilit liema service provider huwa abbinat man-numru tal-mobile in kwistjoni, dak is-service provider jintalab jiprovdi l-informazzjoni mehtiega. Dan isir billi timtela template mill-Pulizija li jkunu fl-ufficju tal-Ghassa u sussegwentement il-file kollu relatat ma' dak ir-rapport flimkien mal-ittra preparata jigu mghotija lis-Supretendent, f'dan il-kaz lis-Supretendent Raymond Vella Gregory li jiffirma u jittimbra dawn l-ittra. Sussegwentement, dawn l-ittri jintbaghtu lis-Service Providers bhal Vodafone u certu providers kienu jippreferu li jmorru *by hand*. Skont is-Supretendent Vella Gregory, dawn kienu jingabru minghand is-Service Provider jekk urgenti jaraw liema vettura tkun *available* u jigbruhom u fejn ma hemmx kaz ta'

urgenza '*Min ikun hemm available. Jigifieri jekk id-drivers li kienu jkunu mieghi available kienu jmorru huma u gieli marru bil-posta ukoll dik li ahna nsejulu l-basket*'. Bhala drivers mieghu kellu lil Raymond Mallia u lil Godfrey Formosa. Ir-risposta tingabar jew tintbaghat bil-posta.

Jirrizulta li Maryanne Formosa fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat r-ragel taghha u cioe' l-imputat fl-2011 kien stqarr maghha li jaf x'qed taghmel fuq il-mobile, jaf min qed icemplilha. Spjegat li ***'f'October 2011*** *dik l-istess sena li ghidtlu li ghandi dawn il-feelings darba minnhom gie d-dar kont qeghda fil-kamra tas-sodda. Gie kien jidher irrabjat hafna, hafna, kellu karta f'idu ikkorjerjani., qabadli din il-karta temmahieli ma' wicci. Qalli inti tahseb jien ilni fil-korp dawn is-snin kollha u ma nafx x' ghandi naghmel ? Qalli inti tahseb li jiena ma nafx min qed icempillek ? Qalli inti tahseb illi inti se taghmel xi haga u jien ma nkunx naf biha. Qalli kollox naf, min qed icempillek, kemm -il darba qed icempillek u meta qed icempillek. Qalli kollox naf.* ' Spjegat ukoll li meta giet informata mill-Vodafone li l-informazzjoni giet mitluba lil Pulizija kelmet lill-imputat u qaltlu '*inti taf xi haga biha din ghidtlu ghax tal-Vodafone qaluli li l-Pulizija. Ghidtlu inti taf li m' hiniex Kriminal. Qalli le naf qalli u zgur. Qalli issa jiena minghand wiehed habib tieghi tal-Vodafone gibtha l-informazzjoni u l-istorja spiccat hemm*'.

Ghalhekk skont Maryanne Formosa ir-ragel taghha kien uriha dokument bit-telefonati u dan f'Ottubru 2011. Michelle Penza fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdet li kienet tahdem mal-Vodafone dwar fol 19 tal-atti qalet li '*hawn request rigward anonymous calls, konna hrigna l-informazzjoni dan qed nitkellmu f' Ottubru 2011 u processajniha f' Novembru minn naha taghna u hawn ir-records tat-telefonati li kien hemm fuq in-numru li kienu talbuna*'. (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Jirrizulta li l-ittra b'informazzjoni miktuba minn rapprezentant ta' Vodafone in segwitu tal-ittra tal-1 ta' Ottubru 2011 hija datata t-22 ta' Novembru 2011 u ghalhekk semmai jekk kienet din l-ittra b'numri li giet murija mill-imputat lil Maryanne Formosa, dan kellu jkun wara t-22 ta' Novembru 2011 u mhux f'Ottubru 2011 kif xehdet Maryanne Formosa.

Ghalhekk jirrizulta li skont mart l-imputat, l-imputat kien huwa li qalilha li kien sar dwar it-telefonati u jirrizulta li kellu karta f'idejh b'hafna numru u dan kien f'Ottrubru 2011. Maryanne Formosa izda ma setghetx tikkonferma li kienet l-istess dokument immarkat bhala MG2. Jirrizulta li r-rapport mal-Pulizija in kwistjoni nibed wara li Maryanne Formosa ilmentat mal-Vodafone u giet infurmata li l-informazzjoni kienet rikjesta mill-Pulizija. Din il-Qorti tqis li ma tressqitx prova li kien l-appellant li ghamel uzu hazin mit-template stante li ma tressqitx prova li huwa kien responsabbli ghal templates u cioe' li kien fdat bihom sabiex isiru dawn it-tip ta' rikjesti lil Service Providers tant li ma giex sufficentement ippruvat kif huwa kellu access ghat-template u lanqas li kellu access ghal computers tal-ufficju tal-Ghassa taz-Zejtun. Marisa Gauci minn Vodafone plc fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li r-request ircevewha fl-1 ta' Ottubru 2011. Mistoqsija jekk hemm minghand min kienet mibghuta r-request, wiegbet '*Hemm mela Inspector Godfrey Formosa*'. Ma jirrizultax abbazi ta' xiex din ix-xhud indikat lil Godfrey Formosa, tant li mill-ittra a fol 19 u mmarkata bhala JM1 kif ukoll fl-istess ittra a fol 57 u mmarkata bhala MG1, l-isem Godfrey Formosa ma jirrizulta minn imkien.

Jonqos li jigi determinat min kien responsabbli li jigbor ir-rizultat ta' dawn ir-rikjesti minghand il-Vodafone. Is-Supretendent Raymond Vella Gregory fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) mistoqsi f'kazijiet mhux urgenti min kien jigbor dawn, wiegeb '*Min ikun hemm available. Jigifieri jekk id-drivers li kienu jkunu mieghi available kienu jmorru huma u gieli marru bil-posta ukoll dik li ahna nsejhulu l-basket*'. Wiehed minn dawn id-drivers kien l-imputat. Ghalhekk din il-Qorti tistaqsi gialadarba l-appellant qal lil martu li kien jaf bit-telefonati li kienu qeghdin isiru, u in oltre' rrizulta ukoll li kellu karta bin-numri li izda Maryrose Formosa ma setghetx tikkonfema kinitx dik prezentata in atti, u stante li jirrizulta li l-appellant kien wiehed mid-drivers li kien jigbor lura din l-informazzjoni, din il-Qorti tqis li l-appellant setgha kien il-persuna li gabar din l-informazzjoni u sussegwentement uza din l-informazzjoni billi kkonfronta lil martu. Izda l-possibilita' fil-kamp penali ma hijiex bizzejjed biex tinstab htija. Sabiex tinstab htija abbazi ta' provi cirkostanzjali jehtieg li l-provi jippontaw lejn direzzjoni wahda u ma jhallu l-ebda possibilita' ohra. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ma hemm provi cirkostanzjali bizzejjed sabiex tinstab

htija ta' din l-imputazzjoni u dan tenut kont li l-appellant ma kienx l-uniku persuni fdat biex jigbor din l-informazzjoni minghand Vodafone u in oltre' rrizulta li ghalkemm Maryanne Formosa xehdet li l-imputat ikkonfrontaha dwar telefonati u kellu karta f'idu f'Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011), jirrizulta li d-data tal-ittra ta' Vodafone li tinsab a fol 20 et sequitur u cioe' l-ittra li biha Vodafone ghaddiet l-informazzjoni mitluba hija datata tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011).

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija tal-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

It-tielet aggravju u cioe' dak bl-ittra 'C' jirrigwarda r-reat in konnessjoni mar-reat ta' falsifikazzjoni u uzu xjenti ta' dokument iffalsifikat. Dwar il-kunsiderazzjoni tal-Qorti li '*l-imputat kellu interess jaghmel tali talba in vista li ried isir jaf min kien qieghed icempel lil martu*' issottometta li b'kull dovut rispett dan ir-ragunament ma ghandu l-ebda lok fi proceduri penali. L-appellant lanqas ma jaqbel mal-kunsiderazzjoni li '*L-imputat naqas milli jipprova imqar sal-grad tal-probabli li l-firma saret mis-Supretendent Vella Gregory u li ma taqbilx mal-firem precedenti tieghu minhabba l-qaghda ta' sahha tieghu.*'

Skont l-appellant il-Qorti ghamlet ezercizzju li huwa f'kunflitt dirett mal-prezunzjoni tal-innocenza, l-oneru tal-prova ta' htija tinkombi fuq il-prosekuzzjoni u li sabiex tinstab htija, din trid tkun giet iprovata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Li l-Qorti ghandha l-ewwel tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxielhiex tipprova l-kaz taghha u cioe' li l-falsifikazjzoni saret mill-appellant, imbaghad tghaddi sabiex tara jekk il-linja difensjonali tal-akkuzat humiex tali li ghandu jigi skagunat jew il-piena tieghu ridotta, u dan minhabba s-solennita' tal-proceduri penali. Il-ligi ghalhekk timponi oneru ta' prova aktar iebes fuq il-prosekuzzjoni, dak ta' *beyond reasonable doubt*. Skont l-appellant l-unici provi huma li mill-analizi tal-firma ts-Sur Vella Gregory ta' sitt snin qabel il-firma mertu tal-proceduri odjerna u l-firma misjuba fuq il-letter of request hemm xi diskrepanzi u li peress li l-firma tas-Supretendent hija ffurmata biss minn linji ma tistax tqabbel b'mod cert minghajr ebda dubbju ma' dik ta' Godfrey Formosa.

L-appellant jissottometti ukoll li l-Prosekuzzjoni ghogobha takkuza lill-appellant li kkommetta r-reat ta' falsifikazzjoni fl-1 ta' Ottubru, 2011 u fil-granet u gimghat ta' wara din id-data u dan stante li d-data indikata fuq il-letter of request kienet l-1 ta' Ottubru, 2011. Skont l-appellant dak li kellu jsir kien li jittella jixhed rapprezentat tal-ufficju tal-Ghassa taz-Zejtun u jassigura li dawn il-letters of request mibghuta lil Vodafone, b'mod partikolari fil-kaz tal-ittra odjerna, setghetx saret 'post-dated' u konsegwentement il-firma indikata setghetx saret qabel l-1 ta' Ottubru, 2011.

Dwar dan l-ahhar punt, din il-Qorti tqis li id-data fuq l-ittra immarkata bhala JM1 a fol 19 et sequitur hija datata l-1 ta' Ottubru 2011 filwaqt li t-timbru bid-data fuq il-firma hija 13 ta' Ottubru 2011.  Din il-Qorti tqis li din is-sottomissjoni hija infondata u u dan stante li gialadarba l-ittra ghandha d-data tal-1 ta' Ottubru 2011 u ma tressqet l-ebda prova li din l-ittra giet falsifikata qabel dik id-data, wiehed ma jistax jaghmel suppozizzjonijiet dwar jekk l-ittra setghetx saret post-dated. Din il-Qorti tqis ukoll li lanqas ma kien hemm il-htiega li jitla rapprezentant tal-ufficju tal-Ghassa taz-Zejtun stante li f'dan il-kaz partikolari rrizulta li din l-ittra ma nhargitx b'mod regolari.

Dwar l-imputazzjoni ta' falsifikazzjoni jew uzu ta' dokument fiffalsifikat, falsifikazzjoni tal-firma u anke uzu ta' kitba jew skrittura falza mertu tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet, din il-Qorti tqis li gie pruvat li l-ittra in kwistjoni mhijiex legittima. Din l-ittra ma fiha l-ebda numru ta' referenza bhal kif solitament ikollhom dawn l-ittra skont is-Supretendent Vella Gregory u irrizulta ukoll li s-Sinjura Formosa ma ghamlet l-ebda ilment dwar telefonati anonomi. Ghalhekk il-kontenut gia mhuwiex veritier. Dwar il-firma irrizulta li s-Supretendent Raymond Vella Gregory fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) dwar Dok JM1 qal li '*It-timbru huwa tieghi, huwa t-timbru tieghi pero' l-firma le*'.  Gharaf li l-firma mhux tieghu mit-tondjatura. It-timbru huwa tieghu u dan it-timbru kellu access ghalih kull min jidhol fl-ufficju tieghu li kien jithallas miftuh. L-espert Joseph Mallia fir-rapport a fol 67 et sequitur u mmarkat bhala AD1 ikkonkluda:

*'Illi ġew misjuba u identifikati divesi punti karatteristiċi ta' diskrepanża u nuqqas ta' qbil bejn il-punti karatteristiċi fil-kors tal-kitba tal-firma allegatament tas-Supretendent Raymond Vella Gregory li tidher miktuba fuq id-dokument JM 1, hekk kif ikkomparati mal-firem*

*originali tal-istess Supretendent li jinsabu miktubin fuq id-dokument return on Sunday/Public Holidays Allowance, datata 14 ta' Ottubru 2000* ***Referenza JMF 1****, Letter minuite bit-titlu Unlicensed Second Hand Car Dealers, datata 2 ta' Jannar 2001* ***Referenza JMF 2****, Letter minute bit-titlu Annual Report -2002-, datata 15 ta' Jannar 2002* ***Referenza JMF 3*** *u l-formola Return on Sunday/Public Holidays Allowance, li tkopri il-perjodu sat-28 ta' Settembru 2003* ***Referenza JMF 4****, formanti parti mid-dokumenti RVG 1 u RVG 2.'*

Fir-rapport immarkat bhala Dok JM2 a fol 121 et sequitur tal-espert Joseph Mallia gie konkluz li:

*'Illi l-firma allegatament tas-Supretendent Raymond Vella Gregory li tinsab miktuba fuq id-dokument JM1 hija komposta minn linji biss (mingħajr ittri).*

*Illi l-firma ta' Godfrey Formosa hija komposta minn ittri kemm kapitali kif ukoll żgħar.*

*Illi in vista ta' dan, l-esponent ma' setgħax jagħmel l-eżamijiet komparattivi rikjesti, b'konkluzjoni milħuqa mingħajr ebda dubju.'*

Meta xehed Joseph Mallia in kontro-ezami fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) huwa kkonferma li l-ahhar li ra lis-Supretendent Vella Gregory ma kienx fi stat ta' sahha tajba. Dwar tibdil fil-firem spjega li '*Bhala punti karatteristici hafna ikun ghaddej minn xi perjodu mediku, ikun qed jiehu xi medicina li ha tislowjalu l-metabolizmu tieghu jew inkella taffetwalu n-nervituri ta' jdejh jew affarijiet ohra allura jkun hemm diskrepanzi ukoll, jista' jkun hemm diskrepanzi minn meta tkun ghadek izghar ghal meta mbaghat tkun.'*

Minkejja li l-fatt li ma hemmx dubju li d-dokument JM1 huwa ffalsifikat, ma tressqitx prova minghajr dubju dettat mir-raguni li kien l-appellant li ffalsifika dan id-dokument. Naturalment fi Qrati penali din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq supozizzjonijiet izda l-provi jridu jirrizultaw mill-atti. Ghalhekk stante li l-istqarrijet tal-appellant gew skartati, ma hemm l-ebda prova li tikkonferma li l-falsifikazzjoni kemm tal-ittra nnifisha u anke tal-firma tas-Supretendent Vella Gregory saret minnu. Din il-Qorti temfasizza li hija l-Prosekuzzjoni li trid tiprova l-kaz taghha filwaqt li l-appellant ma ghandu bzonn jiprova xejn.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevoka fejn instabet htija tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant iressaq aggravju ukoll dwar l-uzu xjenti ta' dokument iffalsifikat. Jissottometi li l-legislatur permezz ta' dan ir-reat u b'mod partikolari bl-uzu tal-kelma 'xjentement' ghamel distinzjoni cara u netta, li mhux kull uzu ta' dokument ffalsifikat jammonta ghal reat izda jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat kien jaf li kien qieghed juza dokument falz. Jissottometti li jekk ghal grazzja tal-argument biss jigi asumiet li l-appellant ghamel uzu minn dokument ffalsifikat, liema uzu pero ma giex ippruvat, fejn hi l-prova li turi li l-appellant kien jaf jew segtgha kien jaf li d-dokument gie ffalsifikat.

Din il-Qorti tqis li ma giex ippruvat sufficentement li l-appellant kien ghamel uzu minn dan id-dokument u ghalhekk sejra ukoll tirrevoka fejn instabet htija tar-raba' (4) imputazzjoni.

L-Ewwel Qorti ma sabitx htija tal-hames (5) imputazzjoni u ghalhekk mhijiex sejra tikkunsidra din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell u filwaqt li tikkonferma fejn ma nstabitx htija tal-hames (5) imputazzjoni, tirrevoka fejn instabet htija tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet u tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qieghda ghalhekk thassar u tirrevoka l-piena inflitta. L-appellant qieghda ghalhekk jigi liberat minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA
Franklin Calleja
Deputat Registratur